



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2014/0100(COD)**

11.5.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (COM(2014)0180 – C7-0109/2014 – 2014/0100(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sirpa Pietikäinen

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-biedja organika tiġbor flimkien l-aspetti tas-sostenibbiltà ambjentali, il-protezzjoni tal-bijodiversità, is-sikurezza u l-kwalitajiet tal-ikel li huma tajbin għas-saħħa, u t-trattament etiku tal-annimali fil-produzzjoni tal-ikel. It-tikketta organika hija wkoll ta' benefiċċju għall-bdiewa li jipparteċipaw fil-biedja organika.

Il-popolarità tal-prodotti organiċi qiegħda tikber fl-Ewropa u fid-dinja kollha. Illum, is-settur organiku fl-Ewropa huwa erba' darbiet akbar minn kif kien is-settur fl-1999 u r-rata annwali tat-tkabbir għadha għolja, madwar disgħa fil-mija. Biex jiġi ggarantit it-tkabbir tas-settur fil-futur ukoll, jeħtieġ li niżguraw li t-tikketta organika tibqa' minn tal-inqas attraenti u affidabbli daqs kemm hi attwalment.

Il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi żviluppata l-biedja organika fl-Ewropa tiffoka fuq tliet objettivi: it-tneħħija tax-xkiel, il-garanzija ta' kompetizzjoni ġusta u t-titjib tal-kunfidenza tal-konsumatur. Il-Kummissjoni għandha l-għan li telimina bosta derogi eżistenti biex b'hekk tissimplifika r-regoli u tnaqqas il-piż amministrattiv.

Il-proposta tal-Kummissjoni fiha elementi kruċjali biex tittejjeb il-lonġevità tas-settur organiku. Din għandha tittejjeb billi tiżdied il-flessibilità f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-applikazzjoni tal-istess regoli għall-bdiewa kollha, fil-prattika, tirriżulta f'nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi għal ċerti bdiewa.

Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk il-materjal riproduttiv kollu, mingħajr ebda eċċezzjoni, kellu jkun organiku. Din ir-regola tagħmilha diffiċli għall-bdiewa fl-Ewropa ta' fuq biex isibu żerriegħa reżistenti għax-xitwa, peress li d-disponibbiltà ta' tali żerriegħa għadha limitata ħafna. Fir-regoli dwar il-kultivazzjoni fis-serer għandhom jitqiesu wkoll il-kundizzjonijiet ġeografiċi differenti, biex b'hekk jiġi żgurati li l-interpretazzjoni attwali tar-regoli dwar il-kultivazzjoni organika fis-serer japplikaw ukoll fil-ġejjieni.

Sabiex jiġu żgurati l-kunfidenza tal-konsumatur, il-kwalità tal-produzzjoni u kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi, huwa essenzjali li jiġu żviluppati kontrolli ta' kwalità trasparenti u ġusti għall-prodotti organiċi importati. Għaldaqstant, għandhom jiġu stabbiliti sistemi ta' awtokontroll u awditjar estern għal prodotti li jiġu mill-UE u għal prodotti importati. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awditur jinżamm finanzjarjament responsabbli.

Aktar flessibbiltà hija meħtieġa wkoll f'sitwazzjonijiet fejn jinstabu residwi fi prodotti organiċi. Fil-proposta tal-Kummissjoni, ir-responsabilità taqa' esklużivament fuq il-bidwi, irrispettivament mill-fatt li min iniġġes ikunx il-bidwi jew xi ħadd estern. Huwa importanti li jiġi introdott il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" għal dawk il-każijiet fejn titwaqqaf installazzjoni ta' riskju għoli ta' kontaminazzjoni qrib razzett ta' produzzjoni organika u fejn teżisti evidenza li r-responsabilità hija ta' persuna terza.

Wieħed mill-argumenti favur il-produzzjoni organika huwa t-trattament xieraq tal-annimali. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-proposta tal-Kummissjoni tiġi ssupplimentata b'regoli aktar stretti dwar l-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali.

Barra mill-ambitu ta' dan ir-Regolament speċifiku, il-biedja organika għandha tissaħħaħ ukoll

f'leġislazzjoni oħra tal-UE. Fir-reviżjoni li jmiss tal-Politika Agrikola Komuni, għandhom jiġu ggarantiti inċentivi aħjar u aktar riżorsi finanzjarji għal bdiewa li jaħdmu fil-produzzjoni organika jew fi produzzjoni li tinsab f'fażi ta' tranżizzjoni. Sabiex tiżdied id-disponibbiltà tal-materjal riproduttiv organiku, id-databases Ewropej għandhom jiġu żviluppatti ulterjorment, u għandu jkun disponibbli aktar finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni, bil-għan li tiżdied il-produzzjoni u d-disponibbiltà taż-żerriegħa organika u l-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Barra minn hekk, il-produzzjoni organika hija sistema li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali fil-PAK u tippromwovi produzzjoni agrikola sostenibbli. Għal din ir-raġuni, ġew introdotti fil-PAK miżuri li jappoġġjaw finanzjarjament il-produzzjoni organika, l-iktar riċenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>, u b'mod partikolari msaħħin fir-riforma riċenti tal-qafas ġuridiku tal-politika għall-iżvilupp rurali kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>.

##### *Emenda*

(4) Barra minn hekk, il-produzzjoni organika hija sistema li tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tar-rekwiżiti ta' protezzjoni ambjentali fil-PAK u tippromwovi produzzjoni agrikola sostenibbli ***u trobbija tal-annimali adatta għall-ispeċijiet***. Għal din ir-raġuni, ġew introdotti fil-PAK miżuri li jappoġġjaw finanzjarjament il-produzzjoni organika, l-iktar riċenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup>, u b'mod partikolari msaħħin fir-riforma riċenti tal-qafas ġuridiku tal-politika għall-iżvilupp rurali kif stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup>.

***Madankollu, fir-reviżjoni li jmiss tal-PAK, għandhom jiġu żgurati inċentivi aħjar u aktar riżorsi finanzjarji għall-bdiewa li jaħdmu fil-produzzjoni organika jew fil-produzzjoni li tinsab f'fażi ta' konverżjoni bil-għan li sal-2030 l-ispazju ddedikat għall-biedja organika jiżdied minn tal-inqas għal 20 % tal-erja agrikola utilizzabbli fl-Unjoni u sabiex tiġi ppreservata u mtejba l-bijodiversità permezz, fost l-oħrajn, tal-applikazzjoni***

*ta' prattiki tal-agrosilvikultura.*

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.608).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.487).

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.608).

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.487).

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(7a) Is-settur tal-biedja organika fl-Unjoni żviluppa malajr matul is-snin li għaddew, mhux biss f'termini taż-żona użata għall-biedja organika, iżda wkoll f'termini tan-numru ta' azjendi u n-numru kumplessiv ta' operaturi organiċi rreġistrati fl-Unjoni.***

## **Emenda 3**

### **Proposta għal regolament Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(13) Proġetti ta' riċerka wrew li l-fiduċja tal-konsumatur hija kruċjali fis-suq tal-ikel organiku. Fuq perjodu ta' żmien twil, ir-

(13) Proġetti ta' riċerka wrew li l-fiduċja tal-konsumatur hija kruċjali fis-suq tal-ikel organiku. Fuq perjodu ta' żmien twil, ir-

regoli li mhumiex affidabbli jistgħu jipperikolaw il-fiduċja pubblika u jwasslu għall-falliment tas-suq. Għaldaqstant, l-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni organika fl-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq regoli ta' produzzjoni sodi li huma armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawk ir-regoli ta' produzzjoni għandhom jilhq u l-aspettattivi tal-operaturi u tal-konsumaturi rigward **il-kwalità** tal-prodotti organiċi u l-konformità mal-prinċipji u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

regoli li mhumiex affidabbli jistgħu jipperikolaw il-fiduċja pubblika u jwasslu għall-falliment tas-suq. Għaldaqstant, l-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni organika fl-Unjoni għandu jkun ibbażat fuq regoli ta' produzzjoni sodi **u trasparenti** li huma armonizzati fil-livell tal-Unjoni **b'attenzjoni xierqa għall-varji kundizzjonijiet ġeografiċi u klimatiċi fi ħdan l-Unjoni**. Barra minn hekk, dawk ir-regoli ta' produzzjoni għandhom jilhq u l-aspettattivi tal-operaturi u tal-konsumaturi rigward **is-sikurezza u l-kwalità** tal-prodotti organiċi u l-konformità mal-prinċipji u r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

## Emenda 4

### Proposta għal regolament

#### Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Fil-prinċipju, ir-regoli ġenerali ta' produzzjoni **ta'** dan ir-Regolament għandhom jinkludu projbizzjoni fuq l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti **u** fuq l-organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) u prodotti magħmula mill-OĠM. Minħabba li l-konsumaturi huma dejjem iktar ikkonċernati dwar l-impatti ambjentali tal-ipproċessar u t-trasportazzjoni tal-ikel, l-operaturi organiċi minbarra l-bdiewa u l-operaturi li jipproduċu l-alka u l-annimali tal-akkwakultura għandhom ikunu meħtieġa li jiġġestixxu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom skont sistema armonizzata. Bl-għan ta' minimizzazzjoni tal-piż regolatorju ta' mikroimpriżi kif iddefiniti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE27 involuti fil-produzzjoni organika, jixraq li dawn jiġu eżentati minn dan ir-rekwiżit. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli ta' produzzjoni ġenerali, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-

##### *Emenda*

(15) Fil-prinċipju, ir-regoli ġenerali ta' produzzjoni **stabbiliti minn** dan ir-Regolament għandhom jinkludu projbizzjoni fuq l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti fuq l-organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) u prodotti magħmula mill-OĠM, **il-klonazzjoni tal-annimali, inklużi dixxendenti ta' annimali kkolonati u prodotti li jitnisslu minnhom, kif ukoll il-poliplojdi indotti artifiċjalment**. Minħabba li l-konsumaturi huma dejjem iktar ikkonċernati dwar l-impatti ambjentali tal-ipproċessar u t-trasportazzjoni tal-ikel, l-operaturi organiċi minbarra l-bdiewa u l-operaturi li jipproduċu l-alka u l-annimali tal-akkwakultura għandhom ikunu meħtieġa li jiġġestixxu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom skont sistema armonizzata. Bl-għan ta' minimizzazzjoni tal-piż regolatorju ta' mikroimpriżi kif iddefiniti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE27 involuti fil-produzzjoni organika, jixraq li dawn jiġu eżentati minn

istabbiliment tal-kriterji li magħhom għandha tikkorrispondi s-sistema tal-ġestjoni ambjentali.

dan ir-rekwiżit **ta' konformità mas-sistema ta' prestazzjoni ambjentali**. Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli ta' produzzjoni ġenerali, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kriterji li magħhom għandha tikkorrispondi s-sistema tal-ġestjoni ambjentali.

---

<sup>27</sup>Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, tal-20.5.2003, p. 36).

---

<sup>27</sup>Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, tal-20.5.2003, p. 36).

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(15a) Sabiex titnaqqas aktar l-impronta ekoloġika tal-biedja organika, l-Istati Membri għandhom jagħtu inċentivi għall-konsum tal-oġġetti lokali, inaqqsu l-imballaġġ, jiffaċilitaw l-użu tal-materjal tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, jiġi riċiklat u bijodegradat u jnaqqsu l-emissjonijiet minħabba t-trasport.***

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 16

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) Ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-produzzjoni organika huwa kkunsidrat li huwa oġġetivament f'azzjoni agrikola li jinkludu unitajiet mhux ġestiti skont regoli tal-produzzjoni organika. Għaldaqstant, wara perjodu ta' konverżjoni xieraq, l-azzjoni agrikola kollha fl-Unjoni li

(16) Ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-produzzjoni organika huwa kkunsidrat li huwa oġġetivament f'azzjoni agrikola li jinkludu unitajiet mhux ġestiti skont regoli tal-produzzjoni organika. Għaldaqstant, wara perjodu ta' konverżjoni xieraq, l-azzjoni agrikola kollha fl-Unjoni li

għandhom l-għan li jsiru organiċi għandhom jiġu ġestiti kollha skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-produzzjoni organika. L-azjendi agrikoli organiċi għandhom jgħaddu mill-istess perjodu ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha, irrispettivament minn jekk qabel aderexxewx jew le mal-miżuri agro-ambjentali appoġġjati mill-fondi tal-Unjoni. Madankollu, perjodu ta' konverżjoni mhuwiex meħtieġ fil-każ ta' art li tkun qiegħda tisserraħ. Sabiex jiġu żgurati l-kwalità, it-traċċabbiltà u l-konformità ma' dan ir-Regolament u l-adattament għall-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli li jissupplimentaw ir-regoli ta' konverżjoni ġenerali jew li jissupplimentaw u li jemendaw ir-regoli ta' konverżjoni speċifiċi.

għandhom l-għan li jsiru organiċi għandhom jiġu ġestiti kollha skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-produzzjoni organika. ***Madankollu, irziezet imħallta li jinkludu unitajiet mhux ġestiti skont ir-regoli tal-produzzjoni organika u unitajiet ġestiti skont tali regoli għandhom ikunu permessi, jekk ikun hemm distinzjoni ċara bejn l-unitajiet organiċi u l-unitajiet ġestiti b'mod konvenzjonali, dejjem jekk l-attivitajiet ta' biedja konvenzjonali jkunu distinti b'mod ċar minn attivitajiet ta' biedja organika jew l-attivitajiet ta' biedja konvenzjonali jkunu ġeografikament distanti mill-attivitajiet ta' biedja organika. L-irziezet imħallta għandhom ukoll ikunu permessi f'każijiet meta l-azjenda agrikola jew l-operazzjoni tal-akkwakultura tkun għaddejja minn proċess ta' konverżjoni.*** L-azjendi agrikoli organiċi għandhom jgħaddu mill-istess perjodu ta' konverżjoni fl-Istati Membri kollha, irrispettivament minn jekk qabel aderexxewx jew le mal-miżuri agro-ambjentali appoġġjati mill-fondi tal-Unjoni. Madankollu, perjodu ta' konverżjoni mhuwiex meħtieġ fil-każ ta' art li tkun qiegħda tisserraħ. Sabiex jiġu żgurati l-kwalità, it-traċċabbiltà u l-konformità ma' dan ir-Regolament u l-adattament għall-iżviluppi tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli li jissupplimentaw ir-regoli ta' konverżjoni ġenerali jew li jissupplimentaw u li jemendaw ir-regoli ta' konverżjoni speċifiċi.

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(18a) Bħalma hu stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007<sup>1a</sup>, il-produzzjoni organika fis-serer u fil-qsari***



*ta' ħxejjex aromatiċi wkoll għandha tkun permessa fil-futur.*

---

*<sup>1a</sup> Regolament tal-Kunsill (KE)  
Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar  
il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta'  
prodotti organiċi u li jħassar ir-  
Regolament (KEE) Nru 2029/91(ĠU L  
189, 20.7.2007, p. 1).*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) L-użu ta' pestiċidi għandu jkun ristrett b'mod sinifikanti. Għandha tingħata preferenza għall-applikazzjoni ta' miżuri li jipprevjenu kwalunkwe ħsara minn pesti u minn ħaxix ħażin permezz ta' tekniki li ma jinvolvux l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***bħan-newba tal-uċuħ***. Il-preżenza ta' pestiċidi u ħaxix ħażin għandha tkun issorveljata biex jiġi deċiż jekk hemmx raġuni ekonomika jew ekoloġika għal xi intervent. L-użu ta' ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jiġi awtorizzat jekk tali tekniki ma jipprovdux protezzjoni adegwata u biss jekk dawk il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ġew awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>, wara li jkunu ġew ivvalutati bħala kompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-produzzjoni organika, inkluż mal-kundizzjonijiet restrittivi tal-użu, u konsegwentement awtorizzati skont dan ir-Regolament.

---

<sup>28</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li

#### *Emenda*

(20) L-użu ta' pestiċidi għandu jkun ristrett b'mod sinifikanti. Għandha tingħata preferenza għall-applikazzjoni ta' miżuri li jipprevjenu kwalunkwe ħsara minn pesti u minn ħaxix ħażin permezz ta' tekniki li ma jinvolvux l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ***bħall-alternanza u n-newba tal-ghelejjet***. Il-preżenza ta' pestiċidi u ħaxix ħażin għandha tkun issorveljata biex jiġi deċiż jekk hemmx raġuni ekonomika jew ekoloġika għal xi intervent. L-użu ta' ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandu jiġi awtorizzat jekk tali tekniki ma jipprovdux protezzjoni adegwata u biss jekk dawk il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ġew awtorizzati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>, wara li jkunu ġew ivvalutati bħala kompatibbli mal-għanijiet u l-prinċipji tal-produzzjoni organika, inkluż mal-kundizzjonijiet restrittivi tal-użu, u konsegwentement awtorizzati skont dan ir-Regolament.

---

<sup>28</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li

jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20a) Il-Kummissjoni għandha titħeġġeġ twettaq rieżami tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u tieħu azzjonijiet meħtieġa oħrajn bil-għan li tiffavorixxi l-użu ta' pestiċidi bijoloġikament attivi li jikkostitwixxu riskju iżgħar għas-saħħa tal-bniedem meta mqabbla ma' pestiċidi oħrajn.*

---

<sup>1a</sup>*Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(21a) Minħabba li huwa importanti li jiġi żviluppat l-użu ta' żrieragħ u pjanti li huma adatti għall-ħamrija u l-kundizzjonijiet klimatiċi u li jissodisfaw l-aspettattivi tal-konsumaturi, għandha titħeġġeġ il-produzzjoni ta' żrieragħ u pjanti organiċi, filwaqt li tibqa' tiġi pprovduta l-possibbiltà tal-użu ta' żrieragħ u pjanti mhux organiċi fejn ma jkunux disponibbli ekwivalenti organiċi,*

*jew sabiex jiġi żgurati li tinżamm bażi ġenetika suffiċjenti.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 21b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(21b) Minħabba li l-agrikoltura organika teħtieġ li tkun tista' tiddependi fuq annimali ta' kwalità għolja mil-lat ġenetiku għal skopijiet ta' tnissil, u li daww l-annimali għandhom jitrabbew f'konformità mar-regoli tal-biedja organika, huwa mixtieq li tinżamm il-possibbiltà tal-użu, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, ta' annimali għat-tnissil mhux ta' oriġini organika sabiex ipattu għal nuqqas ta' disponibbiltà jew biex tiġi żgurata bażi ġenetika suffiċjenti, b'mod partikolari fil-każ ta' speċijiet u razzes aktar rari.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(22) Peress li t-trobbija tal-bhejjem naturalment tinvolvi l-ġestjoni ta' art agrikola, fejn id-demel jintuża bħala nutrijent għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, it-trobbija tal-bhejjem meta ma hemmx art agrikola għandha tiġi **pprojbata**. **L-għażla tar-razz għandha tikkunsidra l-kapaċità tagħhom li jadattaw għall-kundizzjonijiet lokali, il-vitalità tagħhom u r-reżistenza tagħhom għall-mard u għandha tiġi inkoraġġuta** diversità bijoloġika wiesgħa.

(22) Peress li t-trobbija tal-bhejjem naturalment tinvolvi l-ġestjoni ta' art agrikola, fejn id-demel jintuża bħala nutrijent għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli, it-trobbija tal-bhejjem meta ma hemmx art agrikola għandha tiġi **ppenalizzata**. **Huwa rakkomandat li jiġi ttejjeg l-użu ta' speċijiet nativi sabiex tiġi żgurata kapaċità massima ta' adattament filwaqt li, fl-istess ħin, isir impenn biex tiġi ttejjeg** diversità bijoloġika wiesgħa.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(23a) Minħabba l-eżistenza ta' eċċezzjonijiet għal standards ogħla tal-benessri tal-annimali fil-produzzjoni organika, il-prattiki ta' biedja għall-annimali assoċjati magħhom jvarjaw b'mod konsiderevoli fl-Unjoni.**

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(25) Il-mutilazzjonijiet li jwasslu għal stress, dannu, mard jew tbatija tal-annimali għandhom ikunu pprojbiti.

(25) Il-mutilazzjonijiet **u l-prattiki kollha** li jwasslu għal stress, dannu, mard jew tbatija tal-annimali għandhom ikunu pprojbiti. **Għandha tinżamm l-eċċezzjoni għall-qtugħ tal-qarn f'każijiet fejn dan ikun jista' jiġi ġġustifikat minn tħassib marbut mal-benesseri tal-annimali u dwar is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Kull meta jitqies neċessarju intervent kirurġiku, dan għandu jsir bl-użu ta' anesteżija u analġeżija pprolongata.**

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 26

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(26) Il-bhejjem għandhom jintgħalfu b'materjali prodotti skont ir-regoli tal-produzzjoni organika, u preferibbilment li ġejjin mill-istess azjenda, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom. Barra minn hekk, biex

(26) Il-bhejjem għandhom jintgħalfu b'materjali prodotti skont ir-regoli tal-produzzjoni organika, u preferibbilment li ġejjin mill-istess azjenda, b'kunsiderazzjoni għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi tagħhom. Barra minn hekk, biex

jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti bażiċi ta' nutrizzjoni tal-bhejjem jista' jkun meħtieġ li jintużaw ċerti minerali, mikroelementi u vitamini f'kundizzjonijiet iddefiniti b'mod ċar.

jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti bażiċi ta' nutrizzjoni tal-bhejjem jista' jkun meħtieġ li jintużaw ċerti minerali, mikroelementi u vitamini f'kundizzjonijiet iddefiniti b'mod ċar. ***F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li jkun hemm deroga għall-użu fil-futur tas-selenju fil-biedja organika. Din id-deroga tiżgura t-trattament xieraq tal-annimali permezz ta' nutrizzjoni ta' kwalità għolja, inklużi dawk il-kundizzjonijiet ġeografiċi fejn is-selenju ma jinsabx fil-ħamrija b'mod naturali. Barra minn hekk, għal dan il-għan, il-Kummissjoni tistabbilixxi elenku pożittiv ta' għalf mhux organiku fejn il-provvisti ta' għalf organiku ma jkunux biżżejjed, biex b'hekk jiġi żgurat li s-settur ikollu ammont ta' żmien raġonevoli li matulu jkun jista' jadatta ruħu għall-iżvilupp fis-suq.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Defiċjenza ta' selenju tnaqqas l-iżvilupp tal-antikorpi fil-bhejjem. F'dawk il-pajjiżi Ewropej fejn il-mergħa ma jkunx fiha biżżejjed selenju, għandha tiġi żgurata d-deroga għall-użu tiegħu fl-għalf.*

#### **Emenda 16**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 43**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 ippreveda eċċezzjonijiet differenti mir-regoli tal-produzzjoni organika. L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet uriet li tali eċċezzjonijiet għandhom impatt negattiv fuq il-produzzjoni organika. B'mod partikolari, instab li l-eżistenza stess ta' dawn l-eċċezzjonijiet ixxejjel il-produzzjoni minn inputs f'forma organika u li l-livell għoli tat-trattament tal-annimali assoċjat mal-produzzjoni organika mhux żgurat. Barra minn hekk, il-ġestjoni u l-kontroll tal-eċċezzjonijiet iwasslu għal piż

#### *Emenda*

(43) Ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 ippreveda eċċezzjonijiet differenti mir-regoli tal-produzzjoni organika. L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet uriet li tali eċċezzjonijiet għandhom impatt negattiv fuq il-produzzjoni organika. B'mod partikolari, instab li, ***f'xi każijiet***, l-eżistenza stess ta' dawn l-eċċezzjonijiet ixxejjel il-produzzjoni minn inputs f'forma organika u li l-livell għoli tat-trattament tal-annimali assoċjat mal-produzzjoni organika mhux żgurat. Barra minn hekk, il-ġestjoni u l-kontroll tal-

amministrattiv konsiderevoli, kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-operaturi nazzjonali. Fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' eċċezzjonijiet ħolqot il-kundizzjonijiet għal distorsjonijiet f'kompetizzjoni u heddet li ddgħajjef il-fiduċja tal-konsumatur. Għaldaqstant, għandu jkompli jiġi ristrett l-ambitu għall-awtorizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet mir-regoli tal-produzzjoni organika u dawn għandhom jiġu limitati **għal każijiet ta' ċirkustanzi katastrofiċi**.

eċċezzjonijiet iwasslu għal piż amministrattiv konsiderevoli, kemm għall-amministrazzjonijiet kif ukoll għall-operaturi nazzjonali. Fl-aħħar nett, l-eżistenza ta' eċċezzjonijiet ħolqot il-kundizzjonijiet għal distorsjonijiet f'kompetizzjoni u heddet li ddgħajjef il-fiduċja tal-konsumatur. Għaldaqstant, għandu jkompli jiġi ristrett l-ambitu għall-awtorizzazzjoni ta' eċċezzjonijiet mir-regoli tal-produzzjoni organika u dawn għandhom jiġu limitati.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 44

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(44) Biex il-produzzjoni organika tkun tista' tissokta jew tibda mill-ġdid f'każijiet ta' ċirkustanzi katastrofiċi, is-setgħa li jiġu adottati ċerti atti għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-kriterji biex ċerti każijiet ikunu jikkwalifikaw bħala ċirkustanzi katastrofiċi, u biex tistabbilixxi regoli speċifiċi biex dawn il-każijiet jiġu indirizzati u għar-rekwiżiti tal-monitoraġġ u r-rappurtar meħtieġa.**

*Emenda*

**imħassar**

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 51

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(51) Il-produzzjoni organika hija bbażata fuq il-prinċipju ġenerali ta' restrizzjoni tal-użu ta' inputs esterni. Il-bdiewa huma meħtieġa jieħdu miżuri biex jevitaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati. Minkejja dawn il-miżuri, jistgħu jinqalgħu każijiet fejn il-bdiewa ma jkunux jistgħu**

*Emenda*

**(51) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-telf li jġarrbu l-bdiewa ta' prodotti organiċi minħabba kontaminazzjonijiet mhux intenzjonati jiġi kopert b'mod adegwat. Meta l-oriġini tal-kontaminazzjoni tista' tiġi traċċata, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipju**

*jikkummerċjalizzaw il-prodotti agrikoli tagħhom bħala organiċi minħabba li mingħajr intenzjoni, jkun hemm prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati. Għalhekk jixraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-Istati Membri jkunu jistgħu, skont l-Artikolu 42 tat-Trattat, ikunu awtorizzati mill-Kummissjoni biex jagħtu pagamenti nazżjonali biex jikkumpensaw għat-telf imġarrab f'każijiet bħal dawn. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw l-istrumenti tal-Politika Agrikola Komuni biex ikopru dan it-telf kompletament jew parzjalment.*

*ta' "min iniġġes, iħallas".*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 55a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(55a) Fl-imġhoddi, fil-prattika mhux dejjem ġew applikati standards ogħla tal-benessri tal-annimali mistennija minn prodotti organiċi. Għandhom jittieħdu miżuri bil-għan li jiġi żgurat li l-konsumaturi fl-Unjoni li jixtru prodotti li joriġinaw mill-annimali, inkluż l-ikel, ikunu jistgħu jserrrhu rashom li l-ikel ittikkettat bħala organiku jissodisfa l-aktar regoli ta' produzzjoni stretti, anki fejn jidħlu l-istandards tal-benessri tal-annimali.*

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 58

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(58) Il-produzzjoni organika hija kredibbli biss jekk tkun akkumpanjata minn verifika u kontrolli effettivi fl-istadji kollha tal-produzzjoni, **tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni**. Il-produzzjoni organika għandha tkun suġġetta għal kontrolli

(58) Il-produzzjoni organika hija kredibbli biss jekk tkun akkumpanjata minn verifika u kontrolli effettivi fl-istadji kollha **tal-proċess ta'** produzzjoni. Il-produzzjoni organika għandha tkun suġġetta għal kontrolli uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali

uffiċjali jew attivitajiet uffiċjali oħra li jitwettqu b'konformità **mar-Regolament (UE) Nru (XXX/XXXX) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>33</sup> biex tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar tal-prodotti organiċi.

oħra li jitwettqu b'konformità **dan ir-Regolament. Ladarba jiġi adottat ir-Regolament (UE) Nru (XXX/XXXX) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**<sup>33</sup>, **il-Kummissjoni tista', kif xieraq, tagħmel proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-inklużjoni tal-produzzjoni organika fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, bil-għan li** tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar tal-prodotti organiċi.

---

Ir-Regolament (UE) Nru XX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nri 1151/2012, [...] /2013 [Lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġobkom daħħlu n-numru tar-Regolament li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali u li huwa relatat mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti], u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali) (ĠU L ...).

---

Ir-Regolament (UE) Nru XX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [...] dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti, dwar il-materjal riproduttiv tal-pjanti, u dwar prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 999/2001, 1829/2003, 1831/2003, 1/2005, 396/2005, 834/2007, 1099/2009, 1069/2009, 1107/2009, ir-Regolamenti (UE) Nri 1151/2012, [...] /2013 [Lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġobkom daħħlu n-numru tar-Regolament li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa relatata mal-katina tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali u li huwa relatat mas-saħħa tal-pjanti u l-materjal riproduttiv tal-pjanti], u d-Direttivi 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE, 2008/120/KE u 2009/128/KE (Ir-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali) (ĠU L ...).

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 58a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*



*(58a) B'kunsiderazzjoni għall-kwistjonijiet ta' verifika u konformità b'rabta mal-produzzjoni organika li toriġina minn pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa jekk u kif tista' tiġi stabbilita sistema ta' awtokontroll u awditjar estern sa tmiem l-2020 u, kif xieraq, għandha tiegħu l-azzjoni preparatorja u leġiżlattiva meħtieġa. F'sistema bħal din, l-operaturi f'pajjiżi terzi li jipproduċu prodotti organiċi destinati għall-Unjoni, għandhom jistabbilixxu sistema ta' awtokontroll għall-ispezzjoni u l-verifika tal-kwalità tal-proċessi u l-prodotti. Dawn is-sistemi ta' kontroll indipendenti għandhom jiġu awditjati minn awditur indipendenti, stabbilit bħala rappreżentant awtorizzat fl-Unjoni. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awditur għandu jinżamm finanzjarjament responsabbli.*

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 62a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(62a) Sabiex jiġu mmassimizzati l-opportunitajiet għall-bdiewa ż-żgħar u sabiex il-bdiewa individwali jittejjgħu biex jiffurmaw gruppi ta' operaturi, ir-regoli li jikkonċernaw il-gruppi ta' operaturi għandhom ikunu sensittivi għall-bżonnijiet u l-kapaċità tar-riżorsi tal-bdiewa ż-żgħar kollha.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Id-definizzjoni ta' "bidwi żgħir" hija stabbilita minn kull Stat Membru. Sabiex tittejjgħu is-sħubija ta' gruppi ta' operaturi, huwa importanti li r-regoli li jirregolaw il-gruppi ta' operaturi jkunu sensittivi għall-bżonnijiet tal-bdiewa ż-żgħar fl-Istati Membri kollha. Dawn ir-regoli m'għandhomx jirrapreżentaw piż amministrattiv jew ikunu diffiċli biex jiġu implimentati.*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Premessa 75

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(75) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni rigward id-dettalji tekniċi għall-istabbiliment tal-bażi tad-dejta għall-elenkar tal-varjetajiet li għalihom huwa disponibbli materjal riproduttiv tal-pjanti miksub bil-metodu ta' produzzjoni organiku; rigward l-awtorizzazzjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti u s-sustanzi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni organika b'mod ġenerali, u fil-produzzjoni tal-ikel organiku pproċessat b'mod partikolari, inklużi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-awtorizzazzjoni, u l-listi ta' dawk il-prodotti u s-sustanzi u, fejn xieraq, id-deskrizzjoni tagħhom, ir-reqwiżit kompożizzjonali u l-kundizzjonijiet għall-użu; rigward il-modalitajiet speċifiċi u prattiċi tal-preżentazzjoni, il-kompożizzjoni u d-daqs tal-indikazzjonijiet li jirreferu għan-numru tal-kodiċi tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll, u tal-indikazzjoni tal-post fejn il-materja prima agrikola tkun tkabbret; rigward id-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut, tal-forma u tal-mod li bihom l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, u l-forma tal-pubblikazzjoni tat-tariffi li jistgħu jinġabru fuq il-kontrolli; rigward l-iskambju tal-informazzjoni bejn gruppi ta' operaturi u awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet ta' kontroll, u korpi ta' kontroll, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni; rigward ir-rikonossiment jew l-irtirar tar-rikonossiment tal-awtoritajiet ta' kontroll jew tal-korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-kontrolli f'pajjiżi terzi, u l-istabbiliment

##### *Emenda*

(75) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni rigward id-dettalji tekniċi għall-istabbiliment tal-bażi tad-dejta **unika** għall-elenkar tal-varjetajiet, **b'mod partikolari l-varjetajiet tradizzjonali u rari**, li għalihom huwa disponibbli materjal riproduttiv tal-pjanti miksub bil-metodu ta' produzzjoni organiku; rigward l-awtorizzazzjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-prodotti u s-sustanzi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni organika b'mod ġenerali, u fil-produzzjoni tal-ikel organiku pproċessat b'mod partikolari, inklużi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-awtorizzazzjoni, u l-listi ta' dawk il-prodotti u s-sustanzi u, fejn xieraq, id-deskrizzjoni tagħhom, ir-reqwiżit kompożizzjonali u l-kundizzjonijiet għall-użu; rigward il-modalitajiet speċifiċi u prattiċi tal-preżentazzjoni, il-kompożizzjoni u d-daqs tal-indikazzjonijiet li jirreferu għan-numru tal-kodiċi tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll, u tal-indikazzjoni tal-post fejn il-materja prima agrikola tkun tkabbret; rigward id-dettalji u l-ispeċifikazzjonijiet tal-kontenut, tal-forma u tal-mod li bihom l-operaturi u l-gruppi ta' operaturi għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-attività tagħhom, u l-forma tal-pubblikazzjoni tat-tariffi li jistgħu jinġabru fuq il-kontrolli; rigward l-iskambju tal-informazzjoni bejn gruppi ta' operaturi u awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet ta' kontroll, u korpi ta' kontroll, u bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni; rigward ir-rikonossiment jew l-irtirar tar-rikonossiment tal-awtoritajiet ta' kontroll jew tal-korpi ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu l-

tal-lista ta' dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll, u r-regoli li jiżguraw l-applikazzjoni ta' miżuri b'rabta mal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, jew suspett tiegħu, li jaffettwaw l-integrità tal-prodotti organiċi importati; rigward l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-emenda ta' dik il-lista, kif ukoll regoli li jiżguraw l-applikazzjoni ta' miżuri għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità jew suspett tiegħu, li jaffettwaw l-integrità ta' prodotti organiċi importati minn dawk il-pajjiżi; rigward is-sistema li għandha tintuża għat-trażmissjoni tal-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament; u rigward l-istabbiliment tal-lista tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u l-emenda ta' dik il-lista. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>.

---

<sup>34</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Premessa 75a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

kontrolli f' pajjiżi terzi, u l-istabbiliment tal-lista ta' dawk l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll, u r-regoli li jiżguraw l-applikazzjoni ta' miżuri b'rabta mal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, jew suspett tiegħu, li jaffettwaw l-integrità tal-prodotti organiċi importati; rigward l-istabbiliment ta' lista ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-emenda ta' dik il-lista, kif ukoll regoli li jiżguraw l-applikazzjoni ta' miżuri għal każijiet ta' nuqqas ta' konformità jew suspett tiegħu, li jaffettwaw l-integrità ta' prodotti organiċi importati minn dawk il-pajjiżi; rigward is-sistema li għandha tintuża għat-trażmissjoni tal-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament; u rigward l-istabbiliment tal-lista tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll rikonoxxuti skont l-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u l-emenda ta' dik il-lista. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (KE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup>.

---

<sup>34</sup> Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Emenda*

***(75a) Fl-interessi tal-konservazzjoni tal-biodiversità tal-Unjoni, jaqbel li, flimkien ma' bażi tad-dejta unika, jitħeġġeġ il-***

*ħolqien ta' bank ġenetiku Ewropew bil-kollaborazzjoni tal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali.*

## **Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Premessa 77a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(77a) Il-Pjan ta' Azzjoni għall-futur tal-Produzzjoni Organika fl-Unjoni Ewropea għandu jintuża bħala għajnuna għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni, bil-għan li tiżdied il-produzzjoni u d-disponibbiltà taż-żerriegħa organika u l-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti.*

## **Emenda 26**

**Proposta għal regolament  
Premessa 77b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(77b) Sabiex tiżdied il-produzzjoni, għandhom jitħeġġu d-disponibbiltà taż-żerriegħa organika u l-materjal riproduttiv organiku tal-pjanti, l-arranġamenti ta' sħubija bejn dawk li jkabbru ż-żerriegħa, dawk li jrabbu u dawk kollha involuti fil-biedja organika. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Esperti għall-Konsulenza Teknika dwar il-Produzzjoni Organika (EGTOP) għandu jiġi fdat bil-kompitu li jżviluppa sistema ġdida għall-użu effikaċi u sostenibbli ta' żrieragħ organiċi, u b'hekk jipprovdi inċentiv għal dawk li jkabbru ż-żerriegħa u dawk li jrabbu.*

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 78a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(78a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-iżvilupp ta' bażi tad-dejta li tinkludi l-Unjoni kollha fir-rigward tad-disponibbiltà ta' razz ta' annimali organiċi, inkluża l-adattabbiltà tagħhom għall-kundizzjonijiet lokali. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li s-servizz ta' konsulenza dwar id-disponibbiltà u l-adegwatezza ta' dawn ir-razz ikun ta' livell suffiċjenti.**

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji tal-produzzjoni organika u jistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw il-produzzjoni organika u l-użu ta' indikazzjonijiet li jirreferu għalih fit-tikkettar u r-reklamar.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji tal-produzzjoni organika u jistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw il-produzzjoni organika, ***l-ispezzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tagħha*** u l-użu ta' indikazzjonijiet li jirreferu għalih fit-tikkettar u r-reklamar.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-operazzjonijiet ta' forniment tal-ikel għall-massa mwettqa minn fornitur tal-ikel għall-massa kif iddefinit fil-punt (d) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup> ma għandhomx ikunu suġġetti għal dan ir-Regolament.

L-operazzjonijiet ta' forniment tal-ikel għall-massa ***li jipprovdu prodotti tal-ikel organiku u preparati abbażi ta' ikel organiku*** mwettqa minn fornitur tal-ikel għall-massa kif iddefinit fil-punt (d) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup> ma għandhomx ikunu suġġetti

għal dan ir-Regolament.

---

Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p.18).

---

Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p.18).

### Emenda 30

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) 'materja prima agrikola' tfisser prodott agrikolu li ma ġie suġġett għal ebda operazzjoni ta' **preservazzjoni jew ipproċessar**;

##### *Emenda*

(3) 'materja prima agrikola' tfisser prodott agrikolu li ma ġie suġġett għal ebda operazzjoni ta' **pproċessar, preparazzjoni jew preservazzjoni**;

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) 'miżuri preventivi' tfisser miżuri li għandhom jitwettqu biex jiżguraw il-kwalità tal-ħamrija kif ukoll il-prevenzjoni u l-kontroll ta' **organiżmi ta' ħsara** u ħaxix ħażin, u li jipprevjenu l-kontaminazzjoni bi prodotti jew sustanzi li mhumiex awtorizzati skont dan ir-Regolament;

##### *Emenda*

(4) 'miżuri preventivi' tfisser miżuri li għandhom jitwettqu biex jiżguraw il-kwalità tal-ħamrija **u l-fertilità u l-preservazzjoni tal-bijodiversità**, kif ukoll il-prevenzjoni u l-kontroll ta' **pesti, mard** u ħaxix ħażin, u li jipprevjenu l-kontaminazzjoni bi prodotti jew sustanzi li mhumiex awtorizzati skont dan ir-

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) ‘konverżjoni’ tfisser it-tranżizzjoni minn **produzzjoni** mhux organika għal **produzzjoni** organika f’perjodu ta’ żmien speċifiku;

*Emenda*

(5) ‘konverżjoni’ tfisser it-tranżizzjoni minn **biedja** mhux organika għal **biedja** organika f’perjodu ta’ żmien speċifiku, **li matulu jiġu applikati r-regoli li jirregolaw il-produzzjoni organika**;

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) ‘grupp ta’ operaturi’ tfisser grupp li fih kull operatur huwa bidwi li għandu azjenda sa ħames ettari **ta’ erja agrikola utilizzata u li jista’, minbarra l-produzzjoni tal-ikel u tal-ġhalf, ikun involut fl-ipproċessar tal-ikel jew tal-ġhalf**;

*Emenda*

(7) ‘grupp ta’ operaturi’ tfisser grupp li fih kull operatur huwa bidwi li għandu azjenda sa ħames ettari **jew fatturat annwali ta’ mhux aktar minn EUR 25 000. L-irziezet tal-Istati Membri individwali tal-grupp għandhom ikunu ġeografikament qrib xulxin.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija marbuta mal-Artikolu 26 (ċertifikazzjoni tal-grupp). Il-bdiewa ż-żgħar għandhom jitħallew jipparteċipaw fiċ-ċertifikazzjoni tal-grupp sabiex, b'mod partikolari, jitnaqqsu l-ispejjeż tal-ispezzjonijiet u taċ-ċertifikazzjoni u l-piż amministrattiv assoċjat. Rigward il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, għandu jiġi introdott kriterju addizzjonali (fatturat annwali ta' massimu ta' EUR 25 000).*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)

**(11a) "materjal riproduttiv tal-pjanti" tfisser kwalunkwe forma ta' pjanta fi kwalunkwe stat ta' żvilupp, inklużi ż-żrieragħ li minnhom jistgħu jtkabbru pjanti sħaħ u li jkunu maħsuba għal dan l-iskop;**

*Ġustifikazzjoni*

*Jeħtieġ tiddaħħal definizzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li tispeċifika kif f'dan it-terminu jidħlu anke ż-żrieragħ, li inkella jistgħu jitqiesu bħala esklużi.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)**

**(16a) "aspett ambjentali dirett" tfisser aspett ambjentali dirett kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009<sup>1a</sup>.**

---

<sup>1a</sup> **Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).**

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja tal-organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) jiddefinixxi "aspett ambjentali dirett" bħala "aspett ambjentali assoċjat ma' attivitajiet, prodotti u servizzi tal-organizzazzjoni nnifisha li fuqhom hija għandha kontroll dirett tal-ġestjoni". Din l-emenda hija marbuta mal-emenda għall-Artikolu 7(1)(d).*



## Emenda 36

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 33

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) ‘awtorità ta’ kontroll’ tfisser awtorità ta’ kontroll tal-produzzjoni organika u tattikkettar ta’ prodotti organiċi kif iddefinit fil-punt 39 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali];

#### *Emenda*

(33) ‘awtorità ta’ kontroll’ tfisser awtorità ta’ kontroll tal-produzzjoni organika u tattikkettar ta’ prodotti organiċi kif iddefinit fil-punt 39 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] ***li awtorità kompetenti tkun ittrasferitilha, għalkollox jew parzjalment, ir-responsabilità tagħha għall-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni fil-qasam tal-produzzjoni organika f’konformità ma’ dan ir-Regolament, jew, fejn applikabbli, awtorità ekwivalenti li teżerċita l-attività tagħha f’pajjiż terz;***

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 34

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(34) ‘korp ta’ kontroll’ tfisser korp delegat kif iddefinit fil-punt 38 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXXX [ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali], kif ukoll korp rikonoxxut mill-Kummissjoni jew minn pajjiż terz li jkun rikonoxxut mill-Kummissjoni biex iwettaq il-kontrolli f’pajjiżi terzi fuq l-importazzjoni ta’ prodotti organiċi fl-Unjoni;

#### *Emenda*

(34) ‘korp ta’ kontroll’ tfisser korp delegat kif iddefinit fil-punt 38 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXXX [ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] ***li jikkontrolla u jiċċertifika l-produzzjoni organika f’konformità ma’ dan ir-Regolament***, kif ukoll korp ***ekwivalenti*** rikonoxxut mill-Kummissjoni jew minn pajjiż terz li jkun rikonoxxut mill-Kummissjoni biex iwettaq il-kontrolli ***u ċ-ċertifikazzjoni*** f’pajjiżi terzi fuq l-importazzjoni ta’ prodotti organiċi fl-Unjoni;

## Emenda 38

### Proposta għal regolament

## Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(40a) "nanomaterjali maħdumin" tfisser nanomaterjali maħdumin kif definit fil-punt (t) tal-Artikolu 2(2) tar-Regolaent (UE) No1169/2011<sup>1a</sup>;**

---

**Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p.18).**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 43

*Test propost mill-Kummissjoni*

(43) 'radjazzjoni ionizzanti' tfisser radjazzjoni ionizzanti kif iddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom<sup>47</sup>.

---

<sup>47</sup> Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti ta' l-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza (ĠU L 159, 29.6.1996, p.1).

*Emenda*

(43) 'radjazzjoni ionizzanti' tfisser radjazzjoni ionizzanti kif iddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom<sup>47</sup> **u kif irregolata mid-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47a</sup>;**

---

<sup>47</sup> Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti ta' l-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza (ĠU L 159, 29.6.1996, p.1).

*<sup>47a</sup> Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tionezza (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16).*

#### **Emenda 40**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – punt 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(43a) "kultivazzjoni ta' għelejjel li jkunu fil-ħamrija" tfisser il-produzzjoni f'ħamrija ħajja (ħamrija minerali mħallta u/jew fertilizzata b'materjali u prodotti permessi fil-produzzjoni organika) b'rabta mat-tfannid u s-sodda ta' blat;*

*Ġustifikazzjoni*

*Marbuta mal-Emenda għall-Artikolu 4(1)(e)(ii).*

#### **Emenda 41**

##### **Proposta għal regolament Kapitolu II – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-prinċipji tal-produzzjoni organika*

*L-objettivi u l-prinċipji tal-produzzjoni organika*

#### **Emenda 42**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-prinċipji ġenerali*

*Objettivi u prinċipji ġenerali*

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-produzzjoni organika hija sistema ta' ġestjoni sostenibbli **għall-agrikoltura** li hija bbażata fuq il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

*Emenda*

Il-produzzjoni organika hija sistema ta' ġestjoni sostenibbli li **topera bil-għan li tilħaq l-oġettivi ġenerali li ġejjin u** hija bbażata fuq il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-użu responsabbli tal-enerġija u r-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija, il-materja organika u l-arja;

*Emenda*

(c) l-użu responsabbli **u favur l-ambjent** tal-enerġija u r-riżorsi naturali bħall-ilma, il-ħamrija, il-materja organika u l-arja;

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) il-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja;**

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt db (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(db) produzzjoni ta' varjetà kbira ta' ikel u prodotti agrikoli oħrajn li jwieġbu għad-domanda tal-konsumaturi għal oġġetti prodotti bl-użu ta' proċessi li m'għandhomx effetti negattivi fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa**

*tal-pjanti jew is-saħħa u t-trattament  
xieraq tal-annimali;*

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt e – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) jipprattikaw kultivazzjoni **ta' prodotti tar-raba' u trobbija tal-annimali relatati** mal-art **jew jipprattikaw akkwakultura** li tikkonforma **mal-prinċipju ta' esplojtazzjoni sostenibbli tas-sajd;**

*Emenda*

(ii) jipprattikaw il-kultivazzjoni **tal-għelejjel li jkunu fil-ħamrija** u/jew **produzzjoni tal-bhejjem relatata** mal-art **fi ħdan l-ekosistma ta' razzett** li tikkonforma ma' **miżuri preventivi bħal:**

**– il-protezzjoni tal-ħamrija u l-kopertura kontra r-riħ u l-erożjoni mill-ilma,**

**– in-newba tal-għelejjel,**

**– l-użu ta' żrieragħ u annimali bi grad għoli ta' reżistenza kontra l-mard,**

**jew il-prattika ta' akkwakultura sostenibbli;**

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt ga (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt gb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ga) it-tħeġġiġ ta' kanali ta' distribuzzjoni qosra u produzzjonijiet lokali fid-diversi territorji tal-Unjoni;**

**(gb) l-użu ta' Prattiki li għandhom impatt**

*pożittiv fuq is-saħħa tal-konsumaturi u l-bdiewa.*

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Fil-kuntest ta' attivitajiet agrikoli u tal-akkwakultura, il-produzzjoni organika għandha tkun **b'mod partikolari bbażata** fuq il-prinċipji speċifiċi li ġejjin:*

*Emenda*

*Il-produzzjoni organika għandha tkun **ibbażata** fuq il-prinċipji speċifiċi li ġejjin:*

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) l-osservanza ta' livell għoli ta' trattament tal-annimali filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ispeċijiet;

*Emenda*

(f) l-osservanza ta' livell għoli ta' trattament tal-annimali filwaqt li jiġu rrispettati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ispeċijiet ***fl-istadji kollha tal-ħajja, inklużi t-trasport u t-tbiċċir***;

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) l-għalf tal-bhejjem magħmul minn għalf organiku kompost minn ingredjenti agrikoli minn produzzjoni organika u minn sustanzi naturali mhux agrikoli;

*Emenda*

(g) l-għalf tal-bhejjem magħmul minn għalf organiku kompost minn ingredjenti agrikoli minn produzzjoni organika u minn sustanzi naturali mhux agrikoli ***li jissodisfaw il-ħtiġijiet nutrittivi tal-annimali. Meta ma jkunx possibbli li jintużaw prodotti naturali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet nutrittivi, wieħed jista' jagħmel rikors għall-eżenzjonijiet limitati skont l-Artikolu 19 taħt kundizzjonijiet***

*definiti tajjeb;*

### Emenda 53

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) l-esklużjoni **ta' inġinerija** ġenetika, il-klonazzjoni **ta' annimali**, il-poliplojdi indotti artifiċjalment u r-radjazzjoni **ionizzanti** mill-katina kollha tal-ikel organiku;

*Emenda*

(h) l-esklużjoni **tal-inġinerija** ġenetika, **inklużi l-organiżmi ġenetikament modifikati u prodotti mnisslin minnhom**, il-klonazzjoni **tal-annimali, inkluż l-użu ta' dak kollu li jtnissel minn annimali kklonati**, il-poliplojdi maħluqa artifiċjalment u r-radjazzjoni **jonizzanti** mill-katina kollha tal-ikel organiku;

### Emenda 54

#### Proposta għal regolament Artikolu 6 – punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) l-esklużjoni ta' ikel li jkun fih jew jikkonsisti minn nanomaterjali maħdumin;**

### Emenda 55

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-azjenda agrikola kollha jew l-operazzjoni tal-akkwakultura għandha tiġi ġestita skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-produzzjoni organika;

*Emenda*

(a) l-azjenda agrikola kollha jew l-operazzjoni tal-akkwakultura għandha tiġi ġestita skont ir-rekwiżiti applikabbli għall-produzzjoni organika, **bl-eċċezzjoni ta' azjendi jew operazzjonijiet fejn tista' ssir distinzjoni ċara bejn l-unitajiet organiċi u l-unitajiet ġestiti b'mod konvenzjonali, u li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

**(i) l-attivitajiet ta' biedja konvenzjonali**

*huma differenzjati b'mod ċar mill-attivitajiet ta' biedja organika, dejjem jekk:*

*– fir-rigward tal-bhejjem, ikunu involuti speċijiet differenti.*

*– fir-rigward tal-pjanti, ikunu involuti varjetajiet differenti li jkunu jistgħu jiġu differenzjati faċilment.*

*Fir-rigward tal-akkwakultura, tista' tkun involuta l-istess speċi, dment li jkun hemm separazzjoni adegwata bejn is-siti ta' produzzjoni;*

*(ii) meta l-attivitajiet ta' biedja konvenzjonali jsiru f'post ġeografikament distanti mill-attivitajiet ta' biedja organika; jew*

*(iii) meta l-azjenda agrikola jew l-operazzjoni tal-akkwakultura tkun għaddejja minn proċess ta' konverżjoni.*

*F'każ li għall-produzzjoni organika ma jintużawx l-unitajiet kollha ta' azjenda agrikola, l-operatur għandu jżomm l-art, l-annimali, u l-prodotti użati għal, jew prodotti minn, unitajiet organiċi separati minn dawk użati għal, jew prodotti minn, unitajiet mhux organiċi u għandu jżomm rekords adegwati biex juri s-separazzjoni.*

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-operaturi organiċi minbarra l-mikroimpriżi, il-bdiewa u operaturi li jipproduċu l-alka jew l-annimali tal-akkwakultura, għandhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni ambjentali bl-għan li jtejjbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom.

*Emenda*

(d) l-operaturi organiċi minbarra l-mikroimpriżi, il-bdiewa, **dawk li jrabbu n-naħal** u operaturi li jipproduċu l-alka jew l-annimali tal-akkwakultura, għandhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni ambjentali bl-għan li jtejjbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, **inklużi metodi li jidentifikaw u jkejlu l-aspetti ambjentali diretti tal-operazzjoni tal-organizzazzjoni, li huma bbażati fuq l-indikaturi ċentrali deskritti**



*fl-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1221/2009<sup>1a</sup>. L-istabbiliment ta' objettivi annwali għat-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali u l-implimentazzjoni ta' sistema ta' dokumentazzjoni u ta' rapportar f'dan ir-rigward għandhom jiġu sorveljati fi ħdan il-proċess ta' ċertifikazzjoni organika.*

---

*<sup>1a</sup> Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).*

## **Emenda 57**

### **Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-bdiewa organiċi għandhom jimplimentaw strateġiji li jtejbu n-natura u jipproteġu l-bijodiversità, u jllimitaw l-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima.*

*L-operaturi għandhom juru kif jikkontribwixxu għall-ħarsien u t-titjib tan-natura u l-bijodiversità. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-mod jew il-modi li bihom dak il-kontribut jista' jiġi applikat fil-prattika, u jistgħu jistabbilixxu għanijiet u objettivi minimi.*

*L-operaturi għandhom juru liema inizjattivi japplikaw fis-sistema tar-razzett tagħhom bil-għan li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, pereżempju s-sekwestru tal-karbonju, u għandhom jistabbilixxu objettivi ta' prestazzjoni fir-razzett tagħhom. L-Istati*

***Membri jistgħu jistabbilixxu għanijiet u objettivi minimi li jridu jiġu ssodisfati filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni reġjonali, inkluża l-istruttura tal-irziezet tar-reġjun.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-biedja organika tgħin il-protezzjoni tal-bijodiversità minħabba l-projbizzjoni fuq l-użu tal-pestiċidi, l-użu tal-fertilizzanti organiċi, l-użu ta' demel ekoloġiku, il-mergħat u d-diversità tal-għelejjel. Madankollu, huma neċessarji inizjattivi attivi li jissalvagwardjaw il-prinċipju msemmi fl-Artikolu 4(b). Ikun xieraq li tiġi introdotta dispożizzjoni li tipprovdi garanzija għal konsenja minima f'dak li jikkonċerna s-sekwestru tal-karbonju, li huwa għodda ta' protezzjoni tal-klima importanti u b'saħħitha li tista' tiġi implimentata fil-livell tal-irziezet. Lil hinn minn dan, il-kontribuzzjoni għall-protezzjoni tal-klima hija mistennija mill-konsumaturi ta' prodotti organiċi u għalhekk għandha tiġi garantita mir-Regolament.*

### **Emenda 58**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***5. B'deroga mill-Artikolu 7(1)(a), matul il-perjodu tal-konverżjoni, l-azjenda agrikola tista' tinqasam f'unitajiet separati b'mod ċar li mhux kollha jiġu ġestiti skont il-produzzjoni organika. Fir-rigward tal-bhejjem, għandhom jiġu involuti speċijiet differenti fil-produzzjoni organika matul il-perjodu tal-konverżjoni. Fir-rigward tal-akkwakultura, tista' tkun involuta l-istess speċi, dment li jkun hemm separazzjoni adegwata bejn is-siti ta' produzzjoni. Fir-rigward tal-pjanti, varjetajiet differenti li jistgħu jiġu distinti faċilment għandhom jiġu involuti fil-produzzjoni organika matul il-perjodu tal-konverżjoni.***

***imħassar***

### **Emenda 59**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-OĠM u l-prodotti magħmula mill-OĠM ma għandhomx jintużaw fl-ikel jew fl-għalf jew bħala ikel, għalf jew għajnuniet għall-ipproċessar, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fertilizzanti, kundizzjonaturi tal-ħamrija, materjal ta' riproduzzjoni tal-pjanti, mikroorganiżmi u annimali fil-produzzjoni organika.

1. L-OĠM u l-prodotti magħmula mill-OĠM ma għandhomx jintużaw fl-ikel jew fl-għalf jew bħala ikel, għalf jew għajnuniet għall-ipproċessar, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, fertilizzanti, kundizzjonaturi tal-ħamrija, materjal ta' riproduzzjoni tal-pjanti, ***inklużi ż-żrieragħ***, mikroorganiżmi u annimali fil-produzzjoni organika.

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(d) il-ġestjoni tal-produzzjoni tal-faqqiegħ u ta' pjanti speċifiċi oħrajn, u tas-sistemi tal-produzzjoni tal-pjanti;***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' din l-emenda huwa li tillimita s-setgħat delegati konferiti lill-Kummissjoni b'rabta mas-serer u l-faqqiegħ. Il-Kummissjoni, għaldaqstant, m'għandux ikollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'dawn l-oqsma.*

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(f) il-ġbir ta' pjanti slavaġ.***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*L-għan ta' din l-emenda huwa li tillimita s-setgħat delegati konferiti lill-Kummissjoni b'rabta mal-pjanti slavaġ u l-ħxejjex aromatiċi. Il-Kummissjoni, għaldaqstant, m'għandux ikollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'dawn l-oqsma.*

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 36 li jistabbilixxi r-regoli speċifiċi dwar il-produzzjoni tal-fniek u d-dud tal-ħarir.**

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li dawn il-kategoriji jiġu speċifikati għaliex dawn huma kategoriji mifruxin ħafna fil-produzzjoni organika u s'issa ma kienx hemm leġiżlazzjoni relevanti.*

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-istabiliment ta' bażi tad-dejta kompjuterizzata li telenka l-istokk ta' età żgħira disponibbli ta' annimali tal-akkwakultura li joriġinaw minn trobbija organika u azjendi organiċi fi ħdan l-Unjoni.**

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Artikolu 17

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Sabiex il-produzzjoni organika tkun tista' tissokta jew terġa' tibda fil-każ ta' ċirkustanzi katastrofiċi u suġġett għall-prinċipji stabbiliti fil-Kapitolu II, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 36 li jipprevedi l-kriterji għall-kwalifika tat-**

**Soġġetta għall-prinċipji stabbiliti fil-Kapitolu II u f'konformità mal-Anness II, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 36 li jipprevedi l-konċessjoni ta' eċċezzjonijiet mir-regoli ta' produzzjoni stabbiliti fil-Kapitolu III.**

*tali sitwazzjonijiet bħala katastrofiċi u li jistabbilixxi regoli speċifi dwar kif jiġu indirizzati, dwar il-monitoraġġ u dwar ir-rekwiżiti għar-rappurtar.*

*Dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jinżammu f'livelli minimi u, fejn xieraq, limitati fiż-żmien. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu u li jipprevedu eċċezzjonijiet għar-regoli tal-produzzjoni għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti, il-bhejjem u l-istokk ta' età żgħira ta' annimali tal-akkwakultura għandhom, fi kwalunkwe każ, jieqfu japplikaw fil-31 ta' Diċembru 2021.*

## **Emenda 65**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. It-trasport ta' annimali organiċi għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1/2005<sup>1a</sup>, u għandu jiżgura r-rispett ta' standards ogħla tal-benessri tal-annimali skont regoli addizzjonali li jillimitaw it-tul ta' żmien tat-trasport u jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-trasport tal-annimali organiċi kif stabbilit fl-Anness II għal dan ir-Regolament.*

---

*<sup>1a</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU L 3 , 5.1.2005, p. 1).*

## **Emenda 66**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1b. F'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi lista ta' sustanzi li ma jistgħux jintużaw f'materjali użati għall-ippakkjar tal-prodotti organiċi.***

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sustanzi jistgħu jimxu mill-ippakkjar għal ġewwa l-ikel. Peress li l-konsumaturi loġikament jistennew li l-prodotti organiċi jkunu aktar sikuri mill-prodotti mhux organiċi, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, lista ta' sustanzi li jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq is-saħħa u li għalhekk m'għandhomx jintużaw jew għandhom jintużaw f'ammonti negliġibbli fil-materjal tal-ippakkjar li jintuża għall-prodotti organiċi.*

## **Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(fa) bħala mediċini u prodotti mhux terapewtiċi biex jgħinu jiżguraw is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali.***

## **Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c – punt iia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iia) jekk il-prodotti msemmija f'punt (a) tal-paragrafu 1 huma pestiċidi bijoloġikament attivi ta' oriġini mikrobjali u s-sustanzi attivi kollha li jinsabu f'dawk il-prodotti huma sustanzi attivi b'riskju baxx kif imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009<sup>1a</sup>, dawn il-prodotti għandhom jitqiesu bħala prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx, sakemm l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel jew l-Istat Membru rapporteur jivvalutaw mod ieħor.***

---

*<sup>1a</sup>Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).*

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtorizzazzjoni għall-użu ta' prodotti jew sustanzi sintesizzati kimikament għandha tkun limitata strettament għal każijiet fejn l-użu ta' inputs esterni msemija fl-Artikolu 4(f) ikun jikkontribwixxi għal impatti ambjentali mhux aċċettabbli.

#### *Emenda*

L-awtorizzazzjoni għall-użu ta' prodotti jew sustanzi sintesizzati kimikament għandha tkun limitata strettament għal każijiet fejn ***dawn ikunu meħtieġa bħala addittiv tal-għalf sabiex jiżguraw is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali f'konformità mal-punt (i) ta' punt (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u fejn*** l-użu ta' inputs esterni msemija fl-Artikolu 4(f) ikun jikkontribwixxi għal impatti ambjentali mhux aċċettabbli.

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti ta' implimentazzjoni*** li jawtorizzaw jew li jirtiraw l-awtorizzazzjoni ta' prodotti u sustanzi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni organika b'mod ġenerali, u prodotti u sustanzi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' ikel organiku pproċessat b'mod partikolari, u li jistabbilixxu l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-awtorizzazzjoni u l-listi ta' dawk il-prodotti u s-sustanzi u, fejn rilevanti, id-

#### *Emenda*

5. Il-Kummissjoni għandha ***tingħata s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 36*** li jawtorizzaw jew li jirtiraw l-awtorizzazzjoni ta' prodotti u sustanzi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni organika b'mod ġenerali, u prodotti u sustanzi li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni ta' ikel organiku pproċessat b'mod partikolari, u li jistabbilixxu l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-awtorizzazzjoni u l-listi ta' dawk il-prodotti

deskrizzjoni tagħhom, ir-reqwiżiti kompożizzjonali u l-kundizzjonijiet għall-użu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 37 (2).***

u s-sustanzi u, fejn rilevanti, id-deskrizzjoni tagħhom, ir-reqwiżiti kompożizzjonali u l-kundizzjonijiet għall-użu.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Bħala deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u suġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni adottata mingħajr l-applikazzjoni tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) jew (3) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti nazzjonali biex jikkompensaw lill-bdiewa għat telf li jkunu ġarrbu minħabba l-kontaminazzjoni tal-prodotti agrikoli tagħhom bi prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati li jwaqqafhom milli jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti bħala organiċi, bil-kundizzjoni li l-bdiewa jkunu wettqu l-miżuri kollha xierqa biex jevitaw dan ir-riskju ta' kontaminazzjoni. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw l-istrumenti tal-Politika Agrikola Komuni biex ikopru dan it-telf kompletament jew parzjalment.

#### *Emenda*

3. Bħala deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u suġġett għal awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni adottata mingħajr l-applikazzjoni tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2) jew (3) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jagħtu pagamenti nazzjonali biex jikkompensaw lill-bdiewa għat telf li jkunu ġarrbu minħabba l-kontaminazzjoni tal-prodotti agrikoli tagħhom bi prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati li jwaqqafhom milli jikkummerċjalizzaw dawk il-prodotti bħala organiċi, bil-kundizzjoni li l-bdiewa jkunu wettqu l-miżuri kollha xierqa biex jevitaw dan ir-riskju ta' kontaminazzjoni. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw l-istrumenti tal-Politika Agrikola Komuni biex ikopru dan it-telf kompletament jew parzjalment. ***F'każijiet fejn l-operaturi b'riskju għoli ta' kontaminazzjoni jkunu stabbiliti ħdejn razzett organiku, u meta l-orijini tal-kontaminazzjoni tista' tiġi traċċata, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jew jirriżervaw riżorsi baġitarji sabiex jikkompensaw għat-telf imġarrab mill-bdiewa ta' prodotti organiċi.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Bdiewa ta' prodotti organiċi għandhom jiġu kkompensati għat-telf li jġarrbu minħabba l-kontaminazzjoni tal-prodotti agrikoli tagħhom bi prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati li minħabba fihom ma jkunux jistgħu jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom bħala organiċi.*



*Apparti kumpens fil-livell nazzjonali/tal-UE, il-bdiewa organiċi għandu jkollhom il-possibbiltà li lill-operaturi jżommuhom responsabbli talli kkawżaw din il-kontaminazzjoni (il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas").*

## **Emenda 72**

### **Proposta għal regolament Artikolu 20a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 20a**

***Skemi nazzjonali għal miżuri ta' prekawzjoni u skemi ta' kumpens għal kontaminazzjoni mhux intenzjonata***

***Sabiex jiġu evitati każijiet ta' kontaminazzjoni aċċidentali b'sustanzi mhux awtorizzati b'riżultat ta' prattiki tal-biedja konvenzjonali jew prattiki oħra mhux organiċi fl-ipproċessar, il-preparazzjoni u d-distribuzzjoni, lil hinn mill-kontroll tal-operaturi organiċi, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' prekawzjoni kif ukoll skemi għall-kumpens ta' kontaminazzjoni mhux intenzjonata. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-telf imġarrab mill-bdiewa organiċi minħabba kontaminazzjoni mhux intenzjonata jkun kopert adegwatament. Meta l-oriġini tal-kontaminazzjoni tkun tista' tiġi traċċata, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.***

## **Emenda 73**

### **Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 3 – subparagrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***It-termini*** msemija fil-paragrafu 1 u l-indikazzjoni tal-perċentwal msemija fil-punt (b) tal-ewwel sottoparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jidhru bl-istess kulur, b'daqs u stil ta' kitba identiċi bħall-

***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011<sup>1a</sup>, it-termini*** msemija fil-paragrafu 1 u l-indikazzjoni tal-perċentwal msemija fil-punt (b) tal-ewwel sottoparagrafu ta' dan

indikazzjonijiet l-oħrajn fil-lista tal-ingredjenti.

il-paragrafu għandhom jidhru *f'parentesi wara l-indikazzjoni tal-ingredjent organiku* bl-istess kulur, b'daqs u stil ta' kitba identiċi bħall-indikazzjonijiet l-oħrajn fil-lista tal-ingredjenti.

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p.18).–*

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-indikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 23(3) għandhom jiġu *mmarkati* f'post li jidher b'tali mod li jkun viżibbli faċilment, jinqara b'mod ċar u *li ma jitħassarx*.

*Emenda*

3. L-indikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 23(3) għandhom jiġu *stampati* f'post li jidher b'tali mod li jkun viżibbli faċilment, jinqara b'mod ċar u *m'għandhomx jgħattu d-dettalji obbligatorji skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011<sup>1a</sup>*.

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru*

*1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p.18).–*

## **Emenda 75**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 23 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni għandha tippromwovi kampanji ta' informazzjoni sabiex tiżdied il-familjarità taċ-ċittadini mal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, b'tali mod li l-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati.*

## **Emenda 76**

### **Proposta għal regolament**

#### **Kapitolu 5 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Iċ-ċertifikazzjoni organika*

*Il-kontroll organiku u ċ-ċertifikazzjoni organika*

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 24**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*[...]*

*imħassar*

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 24a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 24a*

##### *Sistema ta' kontroll*

**1. L-Istati Membru għandhom jistabbilixxu sistema ta' kontrolli u jagħżlu awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għall-kontrolli rigward l-obbligi stabbiliti minn dan ir-Regolament skont ir-Regolament (UE) Nru /XXXX (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali).**

**2. Barra mill-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, is-sistema ta' kontroll stabbilita skont dan ir-Regolament għandha tinkludi minn tal-anqas l-applikazzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni u kontroll li għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2).**

**3. Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, in-natura u l-frekwenza tal-kontrolli għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' stima tar-riskju li jseħħu l-irregolaritajiet u l-ksur fir-rigward tal-konformità mal-ħtiġijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fi kwalunkwe każ, l-operaturi kollha, bl-eċċezzjoni tal-operaturi li jbigħu prodotti direttament lill-konsumatur jew lill-utent finali, kif imsemmi fl-Artikolu 24b(2), u l-bejjieġha bl-innut li jikkostitwixxu mikrointrapriżi, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/EC<sup>1a</sup>, għandhom ikunu soġġetti għal verifika tal-konformità tal-anqas darba fis-sena. Meta tkun qed tiġi stabbilita l-frekwenza tal-kontrolli uffiċjali fuq irziezet imħallta li jinkludu unitajiet mhux ġestiti skont regoli tal-produzzjoni organika u unitajiet immexxija skont dawk ir-regoli, ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità min-naħa ta'**

*dawn l-irziezet mar-regoli ta' produzzjoni organika għandu, b'mod partikolari, jiġi kkunsidrat.*

**4. L-awtorità kompetenti tista':**

*(a) tikkonferixxi l-kompetenzi ta' kontroll tagħha lil awtorità ta' kontroll waħda jew aktar. L-awtoritajiet ta' kontroll għandhom joffru garanziji adegwati tal-oġġettività u l-imparzjalità, u jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-persunal kwalifikat u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;*

*(b) tiddelega kompiti ta' kontroll lil korp ta' kontroll wieħed jew aktar. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-monitoraġġ ta' tali korpi.*

**5. L-awtorità kompetenti tista' biss tiddelega kompiti ta' kontroll lil korp ta' kontroll partikolari jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jiġu ssodisfati, u b'mod partikolari f'każ li:**

*(a) ikun hemm deskrizzjoni preċiża tal-kompiti li jista' jwettaq il-korp ta' kontroll u tal-kundizzjonijiet li taħthom huwa jista' jwettaqhom;*

*(b) ikun hemm evidenza li l-korp ta' kontroll:*

*(i) għandu l-għarfien espert, it-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa biex iwettaq il-kompiti delegati lilu;*

*(ii) għandu numru suffiċjenti ta' persunal adegwat ikkwalifikat u b'esperjenza; u*

*(iii) huwa imparzjali u ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompiti delegati lilu;*

*(c) il-korp ta' kontroll huwa akkreditat fil-verżjoni notifikata l-aktar reċenti b'pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, is-Serje "C", tal-Istandard Ewropew EN 45011 jew il-*

*Gwida 65 tal-ISO "Ħtiġijiet ġenerali għall-korpi li jħaddmu sistemi ta' ċertifikazzjoni ta' prodotti", u jiġi approvat mill-awtoritajiet kompetenti;*

*(d) il-korp ta' kontroll jikkomunika r-riżultati tal-kontrolli mwettqa lill-awtorità kompetenti fuq bażi regolari u kull fejn l-awtorità kompetenti titlob dan. Jekk ir-riżultati tal-kontrolli jindikaw nuqqas ta' konformità jew jindikaw il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità, il-korp ta' kontroll għandu jinforma immedjatament lill-awtorità kompetenti;*

*(e) ikun hemm koordinazzjoni effikaċi bejn l-awtorità kompetenti li tiddelega u l-korp ta' kontroll.*

*6. Barra mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kriterji li ġejjin meta tapprova korp ta' kontroll:*

*(a) il-proċedura ta' kontroll standard li għandha tiġi segwita, li tinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri ta' kontroll u l-prekawzjonijiet li l-korp jimpenja ruħu li jimponi fuq operaturi soġġetti għall-kontroll tiegħu;*

*(b) il-miżuri li l-korp ta' kontroll għandu l-intenzjoni li japplika fejn jinstabu irregolaritajiet u/jew ksur.*

*7. L-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux jiddelegaw il-kompiti li ġejjin lill-korpi ta' kontroll:*

*(a) is-superviżjoni u l-awditjar ta' korpi ta' kontroll oħrajn;*

*(b) il-konċessjoni ta' eċċezzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 17;*

*8. F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, l-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw kompiti ta' kontroll lil korpi ta' kontroll għandhom jorganizzaw verifiki jew spezzjonijiet tal-korpi ta' kontroll kif ikun meħtieġ. Jekk, b'riżultat ta' verifika jew spezzjoni, ikun jidher li tali korpi jkun qed jonqsu milli jwettqu kif suppost il-*

*kompiti ddelegati lilhom, l-awtorità kompetenti li tiddelega tista' tirtira d-delega. Din għandha tirtiraha mingħajr dewmien jekk il-korp ta' kontroll jonqos milli jieħu azzjoni ta' rimedju xierqa u fil-ħin.*

*9. Barra mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 8, l-awtorità kompetenti għandha:*

*(a) tiżgura li l-kontrolli mwettqa mill-korp ta' kontroll huma oġġettivi u indipendenti;*

*(b) tivverifika l-effikaċja tal-kontrolli tagħha;*

*(c) issir taf bi kwalunkwe irregolaritajiet jew ksur misjuba u l-miżuri korrettivi applikati;*

*(d) tirtira l-approvazzjoni ta' dak il-korp fejn dan jonqos milli jissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija f'(a) u (b) jew ma jissodisfax aktar il-kriterji indikati fil-paragrafi 5 u 6 jew jonqos milli jissodisfa l-ħtiġijiet stabbiliti fil-paragrafi 11, 12 u 14.*

*10. L-Istati Membri għandhom jattribwixxu numru ta' kodiċi lil kull awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll li jwettaq kompiti ta' kontroll kif imsemmijin fil-paragrafu 4.*

*11. L-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom jagħtu lill-awtoritajiet kompetenti aċċess għall-uffiċċji u l-faċilitajiet tagħhom u jipprovdu kwalunkwe informazzjoni u assistenza li titqies meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu.*

*12. L-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom jiżguraw li tal-inqas il-miżuri ta' prekawzjoni u ta' kontroll imsemmija fil-paragrafu 2 jiġu applikati lill-operaturi soġġetti għall-kontroll tagħhom.*

*13. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' kontroll kif stabbilita tippermetti għat-traċċabbiltà ta' kull*

*prodott fl-istadji kollha tal-produzzjoni, preparazzjoni u distribuzzjoni, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002<sup>1b</sup>, b'mod partikolari biex jagħtu lill-konsumaturi garanziji li l-prodotti organiċi ġew prodotti b'mod konformi mal-ħtiġijiet imniżżla f'dan ir-Regolament.*

*14. L-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sen, jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti lista tal-operaturi li kienu soġġetti għall-kontrolli taġġhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel. Rapport ta' sinteżi tal-attivitajiet ta' kontroll li ġew imwettqa matul is-sena ta' qabel għandu jiġi pprovdut mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena.*

---

*<sup>1a</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u medji (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).*

*<sup>1b</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31 1.2.2002, p. 1).*

## **Emenda 79**

### **Proposta għal regolament Artikolu 24b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 24b**

##### **Aderenza mas-sistema ta' kontroll**

**1. Kwalunkwe operatur li jipproduċi, iħejji, jaħżen jew jimporta prodotti minn pajjiż terz skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) jew li jqiegħed fis-suq tali prodotti, qabel**



*iqiegħed fis-suq kwalunkwe prodott bħala organiku jew f'fażi ta' konverżjoni biex isir organiku għandu:*

*(a) jgħarraf l-attività tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn titwettaq l-attività;*

*(b) jissottometti l-impriża tiegħu għas-sistema ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 24a.*

*L-ewwel paragrafu għandu japplika wkoll għal esportaturi li jesportaw prodotti li huma prodotti skont ir-regoli ta' produzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

*Meta operatur jikkuntratta kwalunkwe waħda mill-attivitàjiet lil parti terza, dak l-operatur għandu xorta waħda jkun soġġett għall-ħtiġijiet imsemmijin fil-punti (a) u (b), u l-attivitàjiet subkontrattati għandhom ikunu soġġetti għas-sistema ta' kontroll.*

*2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu operaturi b'sistemi ta' verifika li jbigħu prodotti direttament lill-konsumatur jew utent finali dment li huma ma jipproduċux, ma jippreparawx, ma jaħżnux, ħliet b'rabta mal-punt ta' bejgħ, jew ma jimportawx tali prodotti minn pajjiż terz jew ma jkunux ikkontrattaw tali attivitàjiet lil parti terza.*

*3. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità jew japprovaw korp għar-riċeviment ta' tali notifiki.*

*4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe operatur li jikkonforma mar-regoli ta' dan ir-Regolament, u li jħallas imposta raġonevoli bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-kontroll, hu intitolat li jkun kopert mis-sistema ta' kontroll.*

*5. L-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom iżommu lista aġġornata li jkun fiha l-ismijiet u l-indirizzi tal-operaturi taħt il-kontroll tagħhom. Din il-lista għandha tkun*

*disponibbli għall-partijiet interessati.*

*6. Il-Kummissjoni, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 37(2), għandha tadotta regoli ta' implimentazzjoni biex tipprovdi dettalji tal-proċedura ta' notifika u sottomissjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fin-notifika msemmija fil-paragrafu 1(a) ta' dan l-Artikolu.*

## **Emenda 80**

### **Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi u l-gruppi ta' operaturi li nnotifikaw l-attività tagħhom skont l-Artikolu **24(1)** u jikkonformaw ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu intitolati li jingħataw ċertifikat organiku. Iċ-ċertifikat organiku, maħruġ f'forma elettronika fejn hu possibbli, għandu tal-inqas jippermetti l-identifikazzjoni tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, it-tip jew il-firxa ta' prodotti koperti miċ-ċertifikat u l-perjodu ta' validità tiegħu.

*Emenda*

1. L-operaturi u l-gruppi ta' operaturi li nnotifikaw l-attività tagħhom skont l-Artikolu **24b(1)** u jikkonformaw ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu intitolati li jingħataw ċertifikat organiku. Iċ-ċertifikat organiku, maħruġ f'forma elettronika fejn hu possibbli, għandu tal-inqas jippermetti l-identifikazzjoni tal-operatur jew tal-grupp ta' operaturi, it-tip jew il-firxa ta' prodotti koperti miċ-ċertifikat u l-perjodu ta' validità tiegħu.

## **Emenda 81**

### **Proposta għal regolament Artikolu 26a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 26a*

*Miżuri fil-każ ta' ksur u irregolaritajiet*

*1. Fejn tinstab irregolarità fir-rigward tal-konformità mal-ħtiġijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jiżguraw li ma ssir l-ebda referenza għall-metodu ta' produzzjoni organika fit-tikkettar u r-*

*reklamar tal-lott sħiħ jew il-produzzjoni affettwata minn din l-irregolarità, fejn tali miżura hija proporzjonali mar-rilevanza tal-ħtieġa li nkisret u man-natura u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-attivitajiet irregolari.*

*Fejn jinstab ksur serju jew ksur b'effett prolungat, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandu jipprojbixxi lill-operatur konċernat milli jikkummerċjalizza prodotti b'referenza għall-metodu ta' produzzjoni organika fit-tikkettar u r-reklamar għal perijodu li għandu jinftiehem mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.*

*2. Informazzjoni li tikkonċerna każijiet ta' irregolaritajiet jew ksur li jaffettwaw l-istatus organiku ta' prodott għandha tiġi kkomunikata minnufih bejn il-korpi ta' kontroll kkonċernati, l-awtoritajiet ta' kontroll, l-awtoritajiet kompetenti u l-Istati Membri u, fejn xieraq, lill-Kummissjoni.*

*Il-livell ta' komunikazzjoni għandu jiddependi mis-serjetà u l-firxa tal-irregolarità jew ksur identifikat.*

*Il-Kummissjoni tista', skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 37(2), tistabbilixxi s-sura u l-proċeduri għal tali komunikazzjonijiet.*

## **Emenda 82**

### **Proposta għal regolament Artikolu 26b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 26b**

##### **Skambju ta' informazzjoni**

*B'risposta għal talba ġustifikata mill-ħtieġa li tingħata l-garanzija li l-produzzjoni ta' prodott saret skont dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta'*

*kontroll għandu jkollhom skambju ta' informazzjoni relevanti ma' awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll oħrajn dwar ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom. Huma jistgħu wkoll jaqsmu l-informazzjoni li għadha kemm issemmiet fuq l-inizjattiva tagħhom proprja.*

## **Emenda 83**

### **Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 28a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-sorveljanza tal-Kummissjoni fil-pajjiżi terzi għandhom jissaħħu. Huwa importanti wkoll li, fil-kuntest tal-ftehimiet ta' ekwivalenza ma' pajjiżi terzi, is-superviżjoni u l-kontrolli jiġu infurzati.*

## **Emenda 84**

### **Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 28b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2b. Ikun għaqli li jiġu kkontrollati d-dispożizzjonijiet diġà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni attwalment fis-seħħ dwar l-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (Regolament (KE) Nru 1235/2008)<sup>1a</sup>, li attwalment qed jiġi rivedut, bil-għan li tiġi stabbilita rabta effikaċi u tiġi żgurata konsistenza ġenerali.*

---

*Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta'*

## **Emenda 85**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 35**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' materjal organiku ta' riproduzzjoni tal-pjanti **u** l-annimali għal skopijiet ta' tgħammir.

##### *Emenda*

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-disponibbiltà ta' materjal organiku ta' riproduzzjoni tal-pjanti l-annimali għal skopijiet ta' tgħammir **u ġidd ta' età żgħira ta' annimali tal-akkwakultura. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk xieraq, bi proposta leġiżlattiva.**

## **Emenda 86**

### **Proposta għal regolament**

#### **Artikolu 40**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Artikolu 40*

**Miżuri tranżizzjonali relatati mal-oriġini tal-materjal riproduttiv tal-pjanti, tal-annimali għat-tnissil u tal-istokkijiet żgħażaġh ta' annimali tal-akkwakultura**

**Sabiex tiġi żgurata transizzjoni bla intoppi bejn ir-regoli dwar l-oriġini organika tal-materjal riproduttiv tal-pjanti stipulati fl-Artikolu 12(1)(i) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u dwar l-annimali għat-tnissil stipulati fl-Artikolu 14(1)(a)(ii) ta' dak ir-Regolament u dwar l-istokkijiet żgħażaġh ta' annimali tal-akkwkultura stipulati fl-Artikolu 15(1)(a)(ii) ta' dak ir-Regolament u l-eċċezzjoni għar-regoli dwar il-produzzjoni li l-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u r-regoli l-ġodda dwar il-produzzjoni għal**

##### *Emenda*

##### *imħassar*

*pjanti u l-prodotti tal-pjanti u l-bhejjem u l-alki u l-annimali tal-akkwakultura stipulati fl-Artikoli 10(1) u 11(1), rispettivament, ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 36 li jipprevedu eċċezzjonijiet meta l-għoti ta' eċċezzjonijiet jitqies li huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat aċċess għal materjal riproduttiv tal-pjanti u għal annimali ħajjin għal skopijiet ta' tnissil u stokkijiet żgħażaġh ta' annimali tal-akkwakultura li jistgħu jintużaw fil-produzzjoni organika. L-atti ddelegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jieqfu japplikaw fil-31 ta' Diċembru 2021.*

#### **Emenda 87**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 44**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*[...]*

***imħassar***

#### **Emenda 88**

##### **Proposta għal regolament Anness I - inċiż 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***– melħ tal-baħar,***

***imħassar***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-melħ tal-baħar għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament. Il-melħ tal-baħar huwa mineral u għalhekk m'għandux jitqies bħala prodott agrikolu. S'issa ma tressqet l-ebda proposta għal regoli tal-produzzjoni, u nibzġhu li dan se jikkawża konfużjoni għall-indirizzar ta' melħ tal-baħar organiku u melħ tal-blat imħaffer mhux organiku. L-inklużjoni tal-melħ fil-kamp ta' applikazzjoni se żżid il-piżijiet amministrattivi għall-industrija tal-ipproċessar tal-ikel.*

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Anness I – inċiż 19 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*- prodotti tal-inbid aromatizzati kif definiti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 251/2014<sup>1a</sup>.*

---

*<sup>1a</sup> Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).*

### *Ġustifikazzjoni*

*Il-prodotti tal-inbid aromatizzati jinkisbu minn prodotti tas-settur tal-inbid li, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti, għandhom ikunu preżenti fil-prodott lest f'proporzjon ta' inqas minn 75 % għal inbejjed aromatizzati u 50 % għal xorb ibbażat fuq l-inbid aromatizzati u cocktails ta' prodotti tal-inbid aromatizzati. Peress li l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament organiku ġie estiż sabiex ikopri prodotti agrikoli pproċessati, il-prodotti tal-inbid aromatizzati għandhom jiġu inklużi.*

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Anness II – Parti I – punt 1.4.1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1.4.1. Għall-produzzjoni ta' pjanti u prodotti tal-pjanti, għandu jintuża **biss** materjal **riproduttiv tal-pjanti** li jkun prodott b'mod organiku. **Għaldaqstant, il-pjanta li tkun maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, u fejn hu rilevanti, il-pjanta omm tkun ġiet prodotta b'konformità ma' dan ir-Regolament għal mill-inqas ġenerazzjoni waħda, jew, fil-każ tal-għelejjel perenni,***

*1.4.1. Għall-produzzjoni ta' pjanti u prodotti tal-pjanti, għandu jintuża materjal **riproduttiv tal-pjanti** li jkun prodott b'mod organiku.*

*għal mill-inqas ġenerazzjoni waħda tul  
żewġ staġunijiet ta' trobbija..*

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Anness II – Parti I – punt 1.4.2

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.4.2. L-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx riżultat ta' produzzjoni organika

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx riżultat ta' produzzjoni organika jista' jintuża biss *meta jkun ġej minn unità tal-produzzjoni fi stat ta' konverżjoni għall-produzzjoni organika, jew, fejn ikun ġustifikat għall-użu fir-riċerka, għall-ittestjar waqt provi fuq il-post fuq skala żgħira, jew bil-għan li jiġu kkonservati riżorsi ġenetiċi bil-qbil tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.*

*Emenda*

1.4.2. L-użu **ta' żrieragħ jew** materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx riżultat ta' produzzjoni organika

Il-materjal riproduttiv **taż-żrieragħ jew** tal-pjanti li ma jkunx riżultat ta' produzzjoni organika jista' jintuża biss **jekk ikun awtorizzat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17 u jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:**

**– ma jkunx disponibbli materjal organiku, kif ikkonfermat mill-awtorità kompetenti;**

**– l-użu tiegħu huwa meqjus neċessarju għall-konservazzjoni reġjonali tal-bijodiversità jew ta' wirt ġenetiku wiesa' biżżejjed;**

**– ikun ġej minn unità ta' produzzjoni li tkun għaddejja minn proċess ta' konverżjoni lejn produzzjoni organika; jew**

**– l-użu tiegħu huwa ġġustifikat għal riċerka jew testijiet fi provi fuq skala żgħira fil-post stess.**

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Anness II – Parti I – punt 1.5.8 a (ġdid)



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1.5.8a. Preparazzjonijiet bijodinamiċi**

***L-użu ta' preparazzjonijiet bijodinamiċi għandu jkun permess.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-preparati bijodinamiċi għandhom jiġu permessi.*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II – Punt 1.3.3 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) l-għażla tar-razez għandha tkun xierqa u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' ***kull*** tbatija u biex tkun evitata l-ħtieġa ta' mutilazzjoni tal-annimali.

(d) l-għażla tar-razez għandha tkun xierqa ***sabiex jiġi żgurat standard għoli tat-trattament tal-annimali*** u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' ***kwalunkwe*** tbatija u biex tkun evitata l-ħtieġa ta' mutilazzjoni tal-annimali..

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II – punt 1.3.3 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-applikazzjoni tajba u l-infurzar tar-regoli dwar it-tnissil għandhom jiġu ffaċilitati, fejn xieraq, permezz tal-appoġġ tal-iżvilupp rurali u l-Pjan ta' Azzjoni għall-futur tal-Produzzjoni Organika fl-Unjoni Ewropea.***

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.3.4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.3.4. Fl-għażla tal-insla jew tar-razez, għandha titqies il-kapaċità tal-annimali li jadattaw għall-kundizzjonijiet lokali, mingħajr ħsara għall-benessri tagħhom, għall-vitalità tagħhom u għar-reżistenza tagħhom għall-mard. Barra minn hekk, għandhom jintgħażlu insla jew razez ta' annimali biex jiġi evitat mard speċifiku jew problemi tas-saħħa assoċjati ma' xi insla jew razez li jintużaw fil-produzzjoni intensiva, bħas-sindrome tal-istress tal-qżieq, is-Sindrome PSE (laħam pallidu, artab, inixxi), mewt f'daqqa, abort spontanju u twelid diffiċli li jkun jeħtieġ operazzjoni ċeżarja. Għandha tingħata preferenza lil insla u razez indiġeni.

#### *Emenda*

1.3.4. Fl-għażla tal-insla jew tar-razez, għandha titqies il-kapaċità tal-annimali li jadattaw għall-kundizzjonijiet lokali, mingħajr ħsara għall-benessri tagħhom, għall-vitalità tagħhom u għar-reżistenza tagħhom għall-mard. Barra minn hekk, għandhom jintgħażlu insla jew razez ta' annimali biex jiġi evitat mard speċifiku jew problemi tas-saħħa assoċjati ma' xi insla jew razez li jintużaw fil-produzzjoni intensiva, bħas-sindrome tal-istress tal-qżieq, is-Sindrome PSE (laħam pallidu, artab, inixxi), mewt f'daqqa, abort spontanju u twelid diffiċli li jkun jeħtieġ operazzjoni ċeżarja. Għandha tingħata preferenza lil insla u razez indiġeni.

***Ir-rati medji ta' tkabbir u produzzjoni għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 11(2) għal kull animal għat-tismin, inklużi l-brojlars u d-dundjani. L-indikaturi għandhom jintużaw fejn jixraq biex jiġu vvalutati u affermati s-saħħa u l-adegwatezza tar-razez fil-biedja organika. Dawn l-indikaturi għandhom jinkludu rati medji ta' tkabbir għal kull razza u rati medji tal-produzzjoni tar-razez kollha li jipproduċu bajd u ħalib li huma kompatibbli mar-regoli għat-tul taż-żmien tal-biedja għal kull speċi (jiġifieri l-ġranet sa ma jsir it-tbiċċir tal-pollam).***

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.3.5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.3.5. ***Jistgħu jiddaħħlu*** annimali li ma jkunux imrobbija b'mod organiku f'azjenda

#### *Emenda*

1.3.5. Għal finijiet ta' tgħammir, annimali li ma jkunux imrobbija b'mod organiku

agrikola, meta jkun hemm il-periklu li r-razez jintilfu għall-biedja kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006[2], u f'dak il-każ l-animali ta' dawk ir-razez **ma hemmx** għalfejn **bilfors ma jkunu qatt** welldu qabel.

***jistgħu jiddaħħlu*** f'azjenda agrikola ***jekk tingħata l-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17 u jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:***

– meta jkun hemm il-periklu li r-razez jintilfu għall-biedja kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 [8] u f'dak il-każ animali ta' dawk ir-razez m'hemmx għalfejn ikunu qatt ma welldu qabel.

– ***meta ma jkunx hemm animali organiċi disponibbli f'reġjun partikolari, kif ikkonfermat mill-awtorità kompetenti.***

***Dawn l-animali u l-prodotti tagħhom jistgħu jitqiesu organiċi wara li jkun skada l-perjodu ta' konverżjoni msemmi fil-punt 1.2. Il-pollam mhux organiku jista' jiddaħħal f'azjenda u jiġi kkonvertit qabel ma jagħlaq it-tlett ijiem.***

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – –punt 1.4.1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-bhejjem għandhom jintgħalfu b'għalf organiku li jissodisfa l-***ħtiġiet*** nutrittivi tal-animali fl-istadji varji tal-iżvilupp. It-tagħlif ristrett mhuwiex permess fil-produzzjoni tal-bhejjem;

#### *Emenda*

(b) il-bhejjem għandhom jintgħalfu b'għalf organiku ***jew għalf li jinsab f'fażi ta' konverżjoni, kif imsemmi fil-punt 1.4.3,*** li jissodisfa l-***ħtiġijiet*** nutrittivi tal-animali fl-istadji varji tal-iżvilupp. It-tagħlif ristrett mhuwiex permess fil-produzzjoni tal-bhejjem;

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa neċessarju li jinżamm l-istatus quo peress li m'hemmx biżżejjed għalf organiku disponibbli fis-suq.*

## Emenda 98

### Proposta għal regolament

## **Anness II – Parti II – –punt 1.4.1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) ma għandhomx jintużaw promuturi tat-  
tkabbir ***u aċidi amminiċi sintetiki***;

*Emenda*

(f) ma għandhomx jintużaw promuturi tat-  
tkabbir ***u prodotti jew sustanzi sintetizzati  
kimikament għandhom jiġu limitati  
strettament għal każijiet fejn dawn ikunu  
meħtieġa bħala addittiv tal-għalf sabiex  
jiġu żgurati s-saħħa u t-trattament xieraq  
tal-annimali skont il-punt (e)(i)tal-  
Artikolu 19(2) ta' dan ir-Regolament***;

## **Emenda 99**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti II – –punt 1.4.2.1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-art komuni tkun ġestita kompletament  
bi qbil ma' dan ir-Regolament;

*Emenda*

(a) l-art komuni ***ma tkunx ġiet trattata bi  
prodotti mhux awtorizzati għall-  
produzzjoni organika għal minn tal-anqas  
tliet snin u*** tkun ġestita kompletament bi  
qbil ma' dan ir-Regolament;

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda żżomm l-istatus quo.*

## **Emenda 100**

**Proposta għal regolament**

**Anness II – Parti II – –punt 1.4.2.1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(b) kull animal mhux organiku li juża  
din l-art ikun ġej minn sistema ta'  
produzzjoni li tkun ekwivalenti għal  
waħda minn dawk stipulati fl-Artikoli 28  
u 30 tar-Regolament (UE) Nru  
1305/2013<sup>3</sup>;***

*Emenda*

***imħassar***

---

<sup>3</sup> *Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-  
Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17*

**ta' Diċembru 2013 dwar l-appoġġ għall-  
iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu  
Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)  
u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill  
(KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347,  
20.12.2013, p.487).**

### Ġustifikazzjoni

*Ir-rekwiżiti speċifiċi għal annimali mhux organiċi li jirgħu mal-annimali organiċi jnaqqsu l-flessibilità, u b'riżultat ta' dan, il-konverżjoni potenzjali taż-żoni agrikoli komuni għar-ragħa. Il-ġestjoni fl-azjendi konvenzjonali, b'mod proporzjonat għar-rekwiżiti fl-Artikoli 28 u 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, ma taffettwax il-kwalità tad-demel depożitat fuq il-mergħat. Huwa aktar importanti li l-annimali jiġu trattati skont ir-regolament organiku meta jintużaw mergħat komuni organiċi.*

### Emenda 101

#### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.4.3.1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.4.3.1. Fl-azjendi fi **stat** ta' konverżjoni, sa **15 %** tal-ammont medju totali ta' prodotti tal-għalf mogħtija lill-bhejjem jista' jkun ġej mill-imrieh jew mill-ħsad ta' mergħat permanenti, minn biċċiet agrikoli perenni tal-għalf jew mill-għelejjel tal-proteini, miżrugħin skont ġestjoni organika f'artijiet li jkunu fl-ewwel sena tal-konverżjoni tagħhom, dejjem jekk dawn ikunu parti mill-istess azjenda. L-għalf prodott fl-ewwel sena tal-konverżjoni ma jistax jintuża għall-produzzjoni ta' għalf ipproċessat organiku. F'każ li jkunu qed jintużaw kemm prodotti tal-għalf **fil-fażi tal-konverżjoni** kif ukoll prodotti tal-għalf minn biċċiet agrikoli **li jkunu** fl-ewwel sena **tal-bidla** tagħhom, il-perċentwal tal-ammont totali ta' dan l-għalf ma għandux jaqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fil-punt 1.4.3.2.

##### *Emenda*

1.4.3.1. Fl-azjendi **li jinsabu f'fażi** ta' konverżjoni, sa **20 %** tal-ammont medju totali ta' prodotti tal-għalf mogħtija lill-bhejjem jista' jkun ġej mill-imrieh jew mill-ħsad ta' mergħat permanenti, minn biċċiet agrikoli perenni tal-għalf jew mill-għelejjel tal-proteini, miżrugħin skont ġestjoni organika f'artijiet li jkunu fl-ewwel sena tal-konverżjoni tagħhom, dejjem jekk dawn ikunu parti mill-istess azjenda. L-għalf prodott fl-ewwel sena tal-konverżjoni ma jistax jintuża għall-produzzjoni ta' għalf ipproċessat organiku. F'każ li **għat-tagħlif ikunu** qed jintużaw kemm prodotti tal-għalf **f'fażi ta' konverżjoni** kif ukoll prodotti tal-għalf minn biċċiet agrikoli, **it-tnejn li huma** fl-ewwel **u t-tieni** sena **tal-konverżjoni** tagħhom, il-perċentwal tal-ammont totali ta' dan l-għalf ma għandux jaqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fil-punt 1.4.3.2. **L-għalf prodott fl-ewwel sena tal-konverżjoni ma jistax jintuża għall-produzzjoni ta' għalf ipproċessat organiku.**

## Ġustifikazzjoni

*L-emenda żżomm l-istatus quo.*

### Emenda 102

#### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.4.3.2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.4.3.2. Fl-azjendi agrikoli organiċi, sa **20%** tar-razzjon tal-formola tal-għalf bħala medja jista' jkun magħmul minn għalf prodott waqt il-konverżjoni, jiġifieri għalf prodott waqt it-tieni sena tal-konverżjoni. Għall-azjendi agrikoli ***fil-konverżjoni***, jekk l-għalf li jkun prodott waqt il-konverżjoni ***jkun*** mill-istess azjenda, dan il-perċentwal jista' jiżded sa 100%.

##### *Emenda*

1.4.3.2. Fl-azjendi agrikoli organiċi, sa **30%** tar-razzjon tal-formola tal-għalf bħala medja jista' jkun magħmul minn għalf prodott waqt il-konverżjoni, jiġifieri għalf prodott waqt it-tieni sena tal-konverżjoni. Għall-azjendi agrikoli ***f'fażi ta' konverżjoni***, jekk l-għalf li jkun prodott waqt il-konverżjoni ***mit-tieni sena ta' konverżjoni jkun ġej*** mill-istess azjenda, dan il-perċentwal jista' jiżded sa 100%.

## Ġustifikazzjoni

*L-emenda żżomm l-istatus quo.*

### Emenda 103

#### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.5.2.2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.5.2.2. Il-mard għandu jiġi ttrattat minnufih biex kemm jista' jkun l-annimal ma jsofrax; prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament, inklużi l-antibijotiċi jistgħu jintużaw fejn jeħtieġ u f'kundizzjonijiet stretti u taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju, fejn ma jkunx addattat l-użu ta' prodotti fitoterapewtiċi, omeopatiċi u oħrajn. B'mod partikolari għandhom jiġu ddefiniti r-restrizzjonijiet rigward korsijiet ta' trattament u perijodi ta' rtirar.

##### *Emenda*

1.5.2.2. Il-mard għandu jiġi ttrattat minnufih biex kemm jista' jkun l-annimal ma jsofrax; prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament, inklużi l-antibijotiċi jistgħu jintużaw fejn jeħtieġ u f'kundizzjonijiet stretti u taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju, fejn ma jkunx addattat l-użu ta' prodotti fitoterapewtiċi, omeopatiċi u oħrajn. B'mod partikolari għandhom jiġu ddefiniti r-restrizzjonijiet rigward korsijiet ta' trattament u perijodi ta' rtirar. ***Il-prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi awtorizzati li jintużaw fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19 jistgħu***

***jintużaw mingħajr ma jiġi kkonsultat  
veterinarju.***

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jiġu żgurati t-trattament xieraq tal-annimali u azzjoni xieraq għal mard speċifiku, għandha tiġi introdotta lista ta' prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi permessi. Ċerti prodotti adegwati għall-produzzjoni organika huma projbiti minħabba l-kategorizzazzjoni tagħhom bħala prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi jew ta' natura limitata minħabba r-rekwiżit li jiġi inkluż veterinarju, eż. Orbeseal, li hija infużjoni intramammarja sterili mhux antibijotika fil-forma ta' krema magħquda, l-ormon oxytocin għall-baqar tat-twellid, infużjoni intravenuża ta' soluzzjonijiet ta' melħ tal-kalċju għall-kura tad-deni tal-ħalib, jew il-ħżin ta' prodotti użati b'rabta mal-kastrazzjoni tal-qżiegeż.*

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II – punt 1.6.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.6.2. L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem m'għandhomx ikunu obbligatorji f'żoni b'kundizzjonijiet klimatiċi xierqa li jippermettu **li l-annimali** jgħixu barra. Il-bhejjem għandu ikollhom aċċess permanenti għal żoni fil-miftuħ, preferibbilment għall-mergħa, kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art jippermetti, sakemm ma jiġux imposti, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, restrizzjonijiet u l-obbligi marbutin mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali. L-annimali għandu jkollhom aċċess għal strutturi tal-kenn jew postijiet fid-dell li jipproteġuhom minn kundizzjonijiet tat-temp ħżiena.

*Emenda*

1.6.2. L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem m'għandhomx ikunu obbligatorji f'żoni b'kundizzjonijiet klimatiċi xierqa li jippermettu **lill-annimali** jgħixu barra. Il-bhejjem għandu ikollhom aċċess permanenti għal żoni fil-miftuħ, preferibbilment għall-mergħa, kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art jippermetti, sakemm ma jiġux imposti, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, restrizzjonijiet u l-obbligi marbutin mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali. L-annimali għandu jkollhom aċċess għal strutturi tal-kenn jew postijiet fid-dell li jipproteġuhom minn kundizzjonijiet tat-temp ħżiena. **Sistemi li jipprevedu ż-żamma tal-annimali f'post magħluq m'għandhomx ikunu permessi fil-biedja organika.**

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II – punt 1.7.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.7.1. Kull persuna li żżomm l-annimali għandu jkollha l-għarfien **bażiku** u l-kapaċitajiet meħtieġa fir-rigward tas-saħħa u l-ħtiġijiet tat-trattament xieraq tal-annimali.

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II – punt 1.7.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.7.2. Il-prattiki tat-trobbija, inkluż id-densitajiet tal-istokkijiet, u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għandhom jiżguraw li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' żvilupp, fiżjoloġiċi u etoloġiċi tal-annimali.

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II –p 1.7.3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1.7.3. **Il-bhejjem** għandu jkollhom aċċess permanenti għal **spazji fil-miftuħ, preferibbilment fil-mergħa**, kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art, sakemm ma jkunx hemm imposti restrizzjonijiet u l-obbligi relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

*Emenda*

1.7.1. Kull persuna li żżomm l-annimali għandu jkollha l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa fir-rigward tas-saħħa u l-ħtiġijiet tat-trattament xieraq tal-annimali.

*Emenda*

1.7.2. Il-prattiki tat-trobbija, inkluż id-densitajiet tal-istokkijiet, u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għandhom jiżguraw li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' żvilupp, fiżjoloġiċi u etoloġiċi tal-annimali ***tul il-ħajja sħiħa tal-annimali. It-tnaqqis tal-istress tal-annimali għandu jkun prinċipju gwida fit-trobbija.***

*Emenda*

1.7.3. **L-erbivori** għandu jkollhom aċċess permanenti **għall-mergħa**, kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art, sakemm ma jkunx hemm imposti restrizzjonijiet u l-obbligi relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. ***Kull meta l-kundizzjonijiet tat-temp u tal-istaġuni, kif ukoll l-istat tal-art, ma jippermettux aċċess għall-mergħat, l-erbivori għandu jkollhom, kif xieraq, aċċess għal żoni fil-beraħ fejn l-annimali jkun u jistgħu jiċċaqalqu, ħliet f'każijiet fejn dan ma jkunx ta' benefiċċju għat-***



*trattament xieraq tal-annimal jew annimali kkonċernati jew fejn jiġu imposti restrizzjonijiet u obbligi temporanji relatati mal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-annimali abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.*

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Annex II – Part II – point 1.7.6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.7.6. L-irbit jew l-iżolament tal-bhejjem għandu jkun ipprojbit, **jekk mhux** għal annimali individwali għal perijodu limitat ta' żmien sakemm dan ikun minħabba raġunijiet veterinarji. **L-awtoritajiet** kompetenti jistgħu jawtorizzaw li l-bhejjem fil-mikrointrapriżi jistgħu jintrabtu jekk ma jkunx possibbli li jinżammu fi gruppi addattati **għall-ħtiġiet** tal-imgħiba tagħhom, dejjem jekk dawn ikollhom aċċess għall-mergħat matul il-perjodu tar-ragħa, u għall-inqas darbtejn fil-ġimgħa jkollhom aċċess għal spazji fil-miftuħ meta r-ragħa ma jkunx possibbli.

#### *Emenda*

1.7.6. L-irbit jew l-iżolament tal-bhejjem għandu jkun ipprojbit, **ħlief** għal annimali individwali għal perijodu limitat ta' żmien sakemm dan ikun minħabba raġunijiet veterinarji. **Għal perjodu ta' mhux aktar minn [15-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament], l-awtoritajiet** kompetenti jistgħu jawtorizzaw li l-bhejjem fil-mikrointrapriżi jistgħu jintrabtu jekk ma jkunx possibbli li jinżammu fi gruppi addattati **għall-ħtiġijiet** tal-imgħiba tagħhom, dejjem jekk dawn ikollhom aċċess għall-mergħat matul il-perjodu tar-ragħa, u għall-inqas darbtejn fil-ġimgħa jkollhom aċċess għal spazji fil-miftuħ meta r-ragħa ma jkunx possibbli.

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Annex II – Parti II – punt 1.7.7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1.7.7. It-tul taż-żmien tat-trasportazzjoni tal-bhejjem għandu jiġi **minimizzat**.

#### *Emenda*

1.7.7. It-tul taż-żmien tat-trasportazzjoni tal-bhejjem **m'għandux jaqbeż it-tmien sığhat għall-mammiferi u l-erba' sığhat għall-pollam u l-fniek, b'xi eċċezzjonijiet meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet ġeografiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi, netwerks stradali skarsi, postijiet imbiegħda jew l-għażla ta' vjaġġ itwal ta' ċerti speċijiet ta' annimali kkonfermati**

*permezz tar-riżultati tar-riċerka xjentifika, dment li jiġu osservati r-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Għal dan il-għan, għandu jingħata appoġġ lill-biċċeriji lokali.*

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.7.7 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1.7.7a. Ir-regoli dwar it-tul massimu ta' żmien għat-trasport imsemmija fil-punt 1.7.7 għandhom jiġu adatti skont il-ħtiġijiet speċifiċi definiti f'dan l-Anness. Kundizzjonijiet oħra għat-trasport stipulati f'dan l-Anness, bħal dawk marbuta mal-ispazju allokat fit-trakkijiet, l-art, il-kontroll tat-temperatura, l-aċċess għall-ilma, ir-rekwiżiti soċjali u l-kenn tal-annimali skont kull speċi wkoll għandhom jiġu rispettati. Għandha tingħata attenzjoni speċjali meta jiġu trasportati annimali fraġli jew annimali mwarrba għall-qatla.*

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.7.8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1.7.8. Għandha **tinżamm għall-minimu kull tbatija tul** il-ħajja **kollha** tal-annimal, anki fil-ħin **tal-qatla**.

1.7.8. **Kwalunkwe tbatija li tista' tiġi evitata** għandha **tiġi impedita** tul il-ħajja kollha tal-annimal, **inkluż waqt it-trasport u t-tbiċċir**.

## Emenda 112

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – Punt 1.7.8a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1.7.8a. Qabel it-tbiċċir, għandu jkun obbligatorju li l-annimali kollha jiġu storduti b'mod adegwat u uman. Għandhom jiġu pprojbiti metodi mhux xierqa ta' sturdament u/jew tbiċċir, bħall-irbit ta' annimali meta jkun għandhom ħajjin u banjijiet tal-ilma elettriċi għal brojlers u dundjani, asfissija, u żvinar mingħajr l-isturdament.**

**Il-persuni kollha li jgħorru annimali organiċi waqt it-trasport u t-tbiċċir għandhom jirċievu taħriġ adegwat sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament, u għandhom jitwettqu spezzjonijiet regolari biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawk ir-regoli.**

## Emenda 113

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – Punt 1.7.9 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1.7.9a. Il-prattiki tal-qtugħ tal-qarn u t-tneħħija tal-qarn meta dan ikun għadu qed jiżviluppa m'għandhomx jitwettqu b'mod regolari fl-agrikoltura organika. Madankollu, din l-operazzjoni tista', fuq bażi ta' każ b'każ, tiġi awtorizzata mill-awtorità kompetenti għal raġunijiet veterinarji jew raġunijiet marbuta mat-trattament xieraq tal-annimali, jew biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ħaddiema.**

## Emenda 114

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.7.9b (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**1.7.11.** Il-kastrazzjoni **fiżika** għandha tkun **permessa biex tinżamm il-kwalità tal-prodotti u tal-prattiki tradizzjonali tal-produzzjoni, iżda għandha ssir biss permezz tal-anesteżija jew l-analġeżija xierqa u l-operazzjoni għandha ssir fl-iżjed età xierqa u titwettaq minn persunal ikkwalifikat.**

#### *Emenda*

**1.7.9b.** Il-kastrazzjoni **kirurġika** għandha tkun **ipprojbata ħliet għal każijiet individwali fejn din tkun inevitabbli. Jekk din tkun inevitabbli, l-interventi għandhom jitwettqu b'anesteżija u analġeżija fit-tul.**

**Il-prodotti u l-metodi alternattivi disponibbli li ma jipprevedux l-użu tal-ormoni li jevitaw jew inaqqsu l-użu tal-kastrazzjoni kirurġika għandhom ikunu permessi, inkluża l-prevenzjoni immunoloġika tar-riħa taċ-ċingjal, bl-użu ta' selezzjonijiet ġenetiċi b'anqas karatteristiċi tar-riħa taċ-ċingjal, u addittivi tal-għalf.**

**Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra projbizzjoni tal-kastrazzjoni tal-qżieq skont ir-riżultati ta' valutazzjoni tal-impatt, u għandha, kif xieraq, tipproponi azzjoni leġiżlattiva sal-2020.**

## Emenda 115

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.7.10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**1.7.10. Kull** tbatija tal-annimali għandha **titnaqqas kemm jista' jkun billi jintuża l-loppju** (anesteżija) u/jew **l-analġeżija** adegwati u billi l-operazzjoni ssir biss fl-iktar età addattata minn persunal **ikkwalifikat.**

#### *Emenda*

**1.7.10. Kull meta intervent kirurġiku jitqies neċessarju għal kwalunkwe mir-raġunijiet imsemmija fil-punt 1.7.9a., kwalunkwe tbatija tal-annimali kkonċernati għandha tiġi impedita bl-applikazzjoni ta' Prattiki veterinarji tajba inklużi loppju** (anesteżija) u/jew **analġeżija** adegwati u billi l-operazzjoni ssir biss fl-iktar età addattata **tal-annimal ikkonċernat** minn persunal **awtorizzat u kkwilifikat.**

*Wara kwalunkwe operazzjoni li tirrikjedi l-użu tiegħu, is-serħan mill-uġigħ għall-annimali għandu jkompli jingħata sakemm jitqies xieraq.*

## Emenda 116

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.7.10a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1.7.10a. Kwalunkwe proċeduri kirurġiċi li jistgħu jkunu meħtieġa għandhom isiru minn kirurgu veterinarju. Kull fejn ikun prattikabbli, għandhom jiġu applikati alternattivi mhux kirurġiċi u pariri dwar l-użu ta' razez xierqa u prattiki ta' trobbija sabiex jiġi indirizzat tħassib speċifiku assoċjat mat-trobbija ta' annimali rġiel mhux kastrati (sħaħ) u annimali bil-grun.*

## Emenda 117

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 1.7.12

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1.7.12. It-tagħbija u l-ħatt tal-annimali għandhom isiru mingħajr l-użu ta' ebda tip ta' stimolazzjoni elettrika li tisforza lill-annimali jiċċaqilqu. L-użu ta' kalmanti allopatiċi, qabel jew matul it-trasport, huwa pprojbit.

1.7.12. It-tagħbija u l-ħatt tal-annimali għandhom isiru mingħajr l-użu ta' ebda tip ta' stimolazzjoni elettrika li tisforza lill-annimali jiċċaqilqu, *ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali u skont il-punt 1.9 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009<sup>1a</sup>. Il-prattiki tat-taħlit ta' annimali mhux magħrufa matul it-trasport jew iż-żamma temporanja u ż-żamma temporanja mhux meħtieġa matul il-lejl għandhom jiġu evitati. L-annimali soċjali għandhom jinżammu fi gruppi u għandhom ikunu jistgħu jiċċaqilqu u jduru fl-imqajjel.* L-użu ta' kalmanti allopatiċi, qabel jew matul it-trasport, huwa pprojbit.

---

*<sup>1a</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal- 24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).*

## **Emenda 118**

### **Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.1.2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-annimali bovini, ovini u kaprini għandu jkollhom aċċess għall-mergħa kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet;

*Emenda*

(a) l-annimali bovini, ovini u kaprini għandu jkollhom aċċess **permanenti** għall-mergħa kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet;

## **Emenda 119**

### **Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.1.2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) minkejja l-punt (a), il-barrin ta' iktar minn sena għandu jkollhom aċċess għal mergħat jew għal spazju fil-miftuħ;

*Emenda*

(b) minkejja l-punt (a), il-barrin ta' iktar minn sena għandu jkollhom aċċess għal mergħat jew għal spazju fil-miftuħ;

***F'każijiet fejn l-installazzjonijiet eżistenti tal-biedja organika jeħtieġ li jiġu adattati sabiex jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-punt (a) u f'dan il-punt, l-adattament għandu jitwettaq fi żmien perjodu tranżitorju ta' 15-il sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;***

## Emenda 120

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.1.2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(c) f'każijiet fejn l-annimali bovini, ovini u kaprini jkollhom aċċess għall-mergħat matul il-perjodu tar-ragħa u meta s-sistema tal-akkomodazzjoni matul ix-xitwa tagħti libertà ta' moviment lill-annimali, l-obbligu li l-annimali jingħataw spazji fil-miftuħ matul ix-xhur tax-xitwa jista' jitneħħa;*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 121

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.1.2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) minbarra waqt il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi transumanza msemmija fil-punt 1.4.2.2., mill-inqas **90 %** tal-ġhalf għandu jiġi mill-azjenda agrikola stess jew **f'każ** li dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott b'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

*Emenda*

(d) minbarra waqt il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi transumanza **kif** msemmija fil-punt 1.4.2.2., mill-inqas **60 %** tal-ġhalf għandu jiġi mill-azjenda agrikola stess jew, **fejn** dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott b'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

## Emenda 122

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.1.2 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) is-sistemi tat-trobbija għall-annimali bovini, ovini u kaprini għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat skont id-disponibbiltà tal-mergħat f'perjodi differenti tas-sena. Mill-inqas 60% tal-materja niexfa fir-razzjonijiet ta' kuljum tal-annimali bovini, ovini u kaprini

*Emenda*

(e) is-sistemi tat-trobbija għall-annimali bovini, ovini u kaprini għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat skont id-disponibbiltà tal-mergħat f'perjodi differenti tas-sena. **Ir-razez għandhom jintgħażlu abbażi tal-adattabilità lokali tagħhom għall-kundizzjonijiet tar-ragħa u**

għandha tikkonsisti minn fibra, għalf frisk jew innixxef, jew għalf mill-ħaxix. Huwa permess tnaqqis għal 50 % għal annimali fil-produzzjoni tal-ħalib għal perjodu massimu ta' tliet xhur fiż-żmien bikri tat-treddigħ;

*l-adegwatezza tagħhom fir-rigward ta' dispożizzjonijiet oħra relatati mad-dieti, inklużi rekwiżiti b'rabta mal-għalf oħxon, għalf frisk jew niexef, jew għalf mill-ħaxix. Fejn perċentwali ogħla ta' għalf oħxon ma jkunux possibbli, għandhom japplikaw ir-regoli minimi li ġejjin, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti ta' nutrizzjoni, saħħa u benessri għar-razez ikkonċernati:* Mill-inqas 60% tal-materja niexfa fir-razzjonijiet ta' kuljum tal-annimali bovini, ovini u kaprini għandha tikkonsisti minn fibra, għalf frisk jew innixxef, jew għalf mill-ħaxix. Huwa permess tnaqqis għal 50 % għal annimali fil-produzzjoni tal-ħalib għal perjodu massimu ta' tliet xhur fiż-żmien bikri tat-treddigħ;

## Emenda 123

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.1.3 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) minkejja l-punt (a) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 3(1) u t-tieni sottoparagrafu tal-istess Artikolu tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE<sup>4</sup>, ***iż-żamma*** ta' għoġġiela f'kaxxi individwali għandu jkun ipprojbit ***wara l-età ta' ġimgħa, jekk mhux*** għal annimali individwali għal perjodu ta' żmien limitat, u sakemm dan ikun iġġustifikat għal raġunijiet veterinarji.

---

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7)

##### *Emenda*

(c) minkejja l-punt (a) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 3(1) u t-tieni sottoparagrafu tal-istess Artikolu tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE<sup>4</sup>, ***kwalunkwe forma ta' akkomodazzjoni unika, inkluża*** ***ż-żamma*** ta' għoġġiela f'kaxxi individwali għandu jkun ipprojbit ***ħlief*** għal annimali individwali għal perjodu ta' żmien limitat, u sakemm dan ikun iġġustifikat għal raġunijiet veterinarji.

---

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7)



## Emenda 124

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.1.3 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) meta l-għoġġiela jiġu trattati individwalment għal raġunijiet veterinarji, dawn għandhom jinżammu fi spazji b'art solida u jeħtieġ li jingħataw tibex biex jistrieħu fuqu. Kull għoġol individwali għandu jkun jista' jdur faċilment, jistrieħ għat-tul kollu tiegħu (bil-kumdità) u jkun jista' jkollu kuntatt viżiv ma' għoġġiela oħra. Jekk l-għoġġiela ma jkunux qed jitrabbew mal-ommijiet, iż-żamma fi gruppi tal-għoġġiela iżgħar għandu jiġi permess biss wara l-età ta' ġimgħa.*

## Emenda 125

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.1.3 – punt cb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) l-istrutturi ta' akkomodazzjoni kollha għandhom jipprovdu aċċess għal żoni fil-beraħ fejn l-annimali jkunu jistgħu jiċċaqalqu.*

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.2.2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) l-annimali ekwini għandu jkollhom aċċess għall-mergħa kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet;

(a) l-annimali ekwini għandu jkollhom aċċess għall-mergħa kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet. *Fi kwalunkwe ħin ieħor, iż-żwiemel għandu jkollhom aċċess għall-għalf oħxon;*

## Emenda 127

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.2.2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(b) f'każijiet fejn l-annimali ekwini jkollhom aċċess għal mergħat matul il-perjodu tar-ragħa u meta s-sistema ta' kenn matul ix-xitwa tagħti l-libertà tal-moviment lill-annimali, l-obbligu li jingħataw spazji fil-miftuħ matul ix-xhur tax-xitwa jista' jitneħħa;*

*Emenda*

*imħassar*

## Emenda 128

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.2.2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) minbarra waqt il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi transumanza msemmija fil-punt 1.4.2.2., mill-inqas **90** % tal-għalf għandu jiġi mill-azjenda agrikola stess jew **f'każ li** dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott b'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

*Emenda*

(c) minbarra waqt il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi transumanza msemmija fil-punt 1.4.2.2., mill-inqas **60** % tal-għalf għandu jiġi mill-azjenda agrikola stess jew **fejn** dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott b'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

## Emenda 129

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.2.2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) is-sistemi tat-trobbija għall-annimali ekwini għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat biex fihom jimirħu l-annimali skont id-disponibbiltà tal-mergħat f'perjodi differenti tas-sena. **Mill-inqas 60** % tal-materja niexfa fir-razzjonijiet tal-annimali ekwini għandha tikkonsisti minn fibra, għalf frisk jew imnixxef, jew għalf mill-ħaxix;

*Emenda*

(d) is-sistemi tat-trobbija għall-annimali ekwini għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat biex fihom jimirħu l-annimali skont id-disponibbiltà tal-mergħat f'perjodi differenti tas-sena. **Fejn perċentwali ogħla ta' għalf oħxon ma jkunx possibbli, għandha tapplika r-regola minima li ġejja, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti ta' nutrizzjoni, saħħa**

*u benessri għar-razez ikkonċernati: mill-inqas 60 % tal-materja niexfa fir-razzjonijiet tal-annimali ekwini għandha tikkonsisti minn fibra, għalf frisk jew imnixxef, jew għalf mill-ħaxix;*

### Emenda 130

#### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.2.3 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-akkomodazzjoni tal-annimali ekwini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. **Mill-inqas nofs** l-erja tal-wiċċ tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa kif speċifikat fit-tabella dwar l-erjas tal-wiċċ minimi għall-annimali ekwini, **irid ikun**, kif stipulat fil-punt 2.2.4., **sħiħ u** mhux forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

##### *Emenda*

(a) l-akkomodazzjoni tal-annimali ekwini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. L-erja tal-wiċċ tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa, **kollha kemm hi**, kif speċifikat fit-tabella dwar l-erjas tal-wiċċ minimi għall-annimali ekwini, **għandha tkun**, kif stipulat fil-punt 2.2.4., **sħiħa, jiġifieri mhux** forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

### Emenda 131

#### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mill-inqas **60 %** tal-għalf għandu jkun mill-azjenda agrikola stess jew, **jekk** dan ma jkunx possibbli, irid ikun prodott fl-istess reġjun b'kooperazzjoni ma' rziezet jew operaturi tal-għalf organiċi oħrajn;

##### *Emenda*

(a) mill-inqas **20 %** tal-għalf għandu jkun mill-azjenda agrikola stess jew, **fejn** dan ma jkunx possibbli, **għandu jkun** prodott fl-istess reġjun b'kooperazzjoni ma' rziezet jew operaturi tal-għalf organiċi oħrajn;

### Emenda 132

#### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.2 – punt ca (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(ca) ilma nadif u frisk għandu dejjem ikun disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti.**

## Emenda 133

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-akkomodazzjoni tal-annimali suwini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. **Mill-inqas nofs** l-erja tal-wiċċ tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa għall-annimali suwini, **irid ikun**, kif stipulat fil-punt 2.3.4., **sħiħ** u mhux forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

#### *Emenda*

(a) l-akkomodazzjoni tal-annimali suwini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. L-erja tal-wiċċ/**tal-art kollha** tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa għall-annimali suwini, **trid tkun**, kif stipulat fil-punt 2.3.4., **sħiħa, jġġifieri** mhux forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

## Emenda 134

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.3 – punt ba (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(ba) għandu dejjem ikun hemm sodda tat-tiben kbira biżżejjed sabiex jiġi żgurat li l-ħnieżer kollha li jinsabu f'maqjel ikunu jistgħu jimteddu fl-istess ħin fl-ikbar spazju possibbli;**

## Emenda 135

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.3 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(c) il-qżieqeż nisa għandhom jinżammu fi gruppi, minbarra fl-aħħar stadji tat-tqala u matul il-perijodu tat-treddiġh;

(c) il-qżieqeż nisa għandhom jinżammu fi gruppi, minbarra fl-aħħar stadji tat-tqala u matul il-perijodu tat-treddiġh, **li matulu, il-qażquża għandha titħalla tiċċaqlaq liberament fil-maqjel u għandha tintrabat biss għal ħinijet qosra meta jkun assolutament meħtieġ.**

**Minkejja r-rekwiżiti addizzjonali għat-tiben, ftit jiem qabel it-tifriġh tal-qżieqeż, il-qżieqeż nisa jeħtieġ li jiġu pprovduti bi**

*kwantità suffiċjenti ta' tiben jew materjal naturali adattat ieħor li jippermettilhom jibnu l-bejtiet.*

## Emenda 136

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.3 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) iż-żoni għall-eżerċizzju għandhom jippermettu **li l-animali** suwini jħammġu u jħaffru. Għall-iskopijiet ta' tħaffir jistgħu jintużaw sottostrati differenti.

*Emenda*

(e) iż-żoni għall-eżerċizzju għandhom jippermettu **lill-animali** suwini jħammġu u jħaffru. Għall-iskopijiet ta' tħaffir jistgħu jintużaw sottostrati differenti. **L-ambjent għandu jkun mgħammar b'materjali tal-arrikkiment, għaliex dan jikkontribwixxi b'mod pożittiv għat-trattament xieraq tal-animali suwini.**

## Emenda 137

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.3.4 – tabella 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-animali)		Spazju fuq barra (spazju għall-eżerċizzju, minbarra l-mergħa)	
	Piż ħaj minimu (f'kg)	M2/ir-ras	M2/ir-ras	
Qżieqeż li jkunu qegħdin ireddgħu bi ħnienes ta' mhux iktar minn 40 jum		7,5 qażquża		2,5
Animali suwini għat-tismen	sa 50	0,8		0,6
	sa 85	1,1		0,8
	sa 110	1,3		1
Ħnienes	ta' iktar minn 40 jum u sa 30 kg	0,6		0,4
Animali suwini li qegħdin irabbu		2,5 qażquża		1,9
		6 qżieqeż irġiel		8,0
		Jekk l-imqajjel		

jintużaw għat-  
tgħammir naturali:  
10 m<sup>2</sup>/qażquż

*Emenda*

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-annimali)		Spazju fuq barra (spazju għall-eżerċizzju, minbarra l-mergħa)	
	Piż ħaj minimu (f'kg)	M <sup>2</sup> /ir-ras	M <sup>2</sup> /ir-ras	
Qżieqeż li jkunu qegħdin ireddgħu bi ħnienes ta' mhux iktar minn 40 jum		7,5 qazquża		2,5
Annimali suwini għat- tismen	sa 50		0,8	0,6
	sa 85		1,1	0,8
	sa 110		1,3	1
	<b>'il fuq minn 110</b>		<b>1,5</b>	<b>1,2</b>
Ħnienes	ta' iktar minn 40 jum u sa 30 kg		0,6	0,4
Annimali suwini li qegħdin irabbu		2,5 qazquża		1,9
Annimali suwini li qegħdin irabbu		2,5 qazquża		1,9
		6 qżieqeż irġiel		8,0
		Jekk l-imqajjel jintużaw għat- tgħammir naturali: 10 m <sup>2</sup> /qażquż		

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kategorija ta' aktar minn 110 kg - spazju fuq ġewwa 1,5; spazju fuq barra 1,2 – diġà  
preżenti fir-Regolament (KE) 889/2008, għandha terġa' lura għal li kienet.*

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament  
Anness II – Parti II – punt 2.4.2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2.4.2. L-orġini tal-pollam

2.4.2. L-orġini tal-pollam

***Il-produzzjoni ta' pollam li jikber malajr***

Il-pollam *għandu jew jitrabba sa ċerta età minima jew* għandu jiġi minn razez li jikbru *bil-mod magħżulin mill-awtorità kompetenti*.

Meta l-operatur ma jużax razez ta' pollam li jikbru bil-mod, l-età minima għall-qatla għandha tkun:

- (a) 81 jum għat-tiġieġ;
- (b) 150 jum għall-ħosjien;
- (c) 49 jum għall-papri ta' Peking;
- (d) 70 jum għall-papri Muscovy nisa;
- (e) 84 jum għall-papri Muscovy rġiel;
  
- (f) 92 jum għall-papri Mallard;
- (g) 94 jum għall-farawni;
- (h) 140 jum għad-dundjani rġiel u għall-wiżż għax-xiwi fil-forn; u
- (i) 100 jum għad-dundjani nisa.

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.4.3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mill-inqas **60 %** tal-ġhalf għandu jkun mill-azjenda agrikola stess jew, **jekk** dan ma jkunx possibbli, **irid ikun** prodott fl-istess reġjun b'kooperazzjoni ma' rziezet jew operaturi tal-ġhalf organiċi oħrajn;

#### *għandhom ikunu pprojbiti.*

Il-pollam għandu jiġi minn razez li jikbru bilmod *li ta' kuljum jissodisfaw rati ta' tkabbir limitati u stabbiliti li huma kompatibbli mal-età minima ta' trobbija għal kull speċi. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rata ta' tkabbir f'konformità mal-Artikolu 11(2).*

Meta l-operatur ma jużax razez ta' pollam li jikbru bil-mod, l-età minima għall-qatla għandha tkun:

- (a) 81 jum għat-tiġieġ;
- (b) 150 jum għall-ħosjien;
- (c) 49 jum għall-papri ta' Peking;
- (d) 70 jum għall-papri Muscovy nisa;
- (e) 84 jum għall-papri Muscovy rġiel;
  
- (f) 92 jum għall-papri Mallard;
- (g) 94 jum għall-farawni;
- (h) 140 jum għad-dundjani rġiel u għall-wiżż għax-xiwi fil-forn; u
- (i) 100 jum għad-dundjani nisa.

#### *Emenda*

(a) mill-inqas **20 %** tal-ġhalf għandu jkun mill-azjenda agrikola stess jew, **fejn** dan ma jkunx possibbli, **għandu jkun** prodott fl-istess reġjun b'kooperazzjoni ma' rziezet jew operaturi tal-ġhalf organiċi oħrajn;

## Emenda 140

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.4.4 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) *it-tjur* għandu *jkollhom* aċċess għal spazju fil-miftuħ għal mill-inqas *terz minn* ħajjithom. *L-art tal-ispazji barra fil-miftuħ* għall-pollam *għandha fil-parti* l-kbira *tkun* mgħottija bil-ħaxix *u l-ispazju għandu joffri l-protezzjoni* u jippermettu *li l-pollam irid ikun hemm biżżejjed ħwat tal-ilma biex il-pollam* ikollu aċċess faċli biex jixrob;

##### *Emenda*

(c) *il-pollam* għandu *jkollu* aċċess għal spazju fil-miftuħ, *inklużi l-mergħat u/jew l-imsaġar* għal mill-inqas *nofs* ħajjithom, *u b'mod permanenti minn meta jkollu r-rix kollu. Iż-żoni fil-miftuħ* għall-pollam *għandhom, fil-biċċa* l-kbira *tagħhom, ikunu* mgħottija bil-ħaxix *li jikber fuq bażi annwali jew perenni* u *għandhom jipprovdu faċilitajiet ta' protezzjoni* u jippermettu *lill-annimali jistaħbew u jaġixxu b'mod naturali*, u *għandhom jippermettu wkoll li l-pollam* ikollu aċċess faċli biex jixrob *billi jipprovdu biżżejjed ħwat tal-ilma*;

## Emenda 141

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.4.4 – punt d

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) meta l-pollam jinżamm fuq ġewwa minħabba restrizzjonijiet jew obbligi imposti abbażi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għandu *jkollu aċċess* permanenti għal *biżżejjed fibra* u materjal addattat biex jissodisfa *l-ħtiġiet* etoloġiċi tiegħu;

##### *Emenda*

(d) meta l-pollam jinżamm fuq ġewwa *fosthom* minħabba restrizzjonijiet jew obbligi imposti abbażi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għandu *jkollu aċċess għal veranda (spazju magħluq estern) kif ukoll, b'mod permanenti, aċċess għal kwantitajiet suffiċjenti ta' għalf oħxon* u materjal addattat biex jissodisfa *l-ħtiġijiet* etoloġiċi tiegħu;

## Emenda 142

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti II – punt 2.4.4 – punt e – punt vi

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(vi) *gallinari mibnija fuq sistema ta'*

##### *Emenda*

*imħassar*



*sulari ma għandux ikollhom iktar minn tliet sulari ta' arja li jużaw l-għasafar, dan jinkludi s-sular ta' isfel. Ma għandux ikun hemm aktar minn metru wieħed bejn is-sulari jew bejn iż-żoni intermedji, bħalma huma ż-żoni fejn ikun hemm il-bejtiet. Is-sulari ta' fuq għandu jkollhom il-possibbiltà li jkollhom sistemi awtomatiċi li jneħħu l-ħmieġ tal-għasafar;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-gallinari mibnija fuq sistema ta' sulari mhumiex konformi mal-istandards tal-agrikoltura organika u għandhom jiġu projbiti.*

#### **Emenda 143**

##### **Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.4.4 – punt g**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(g) il-gallinari għandhom jiġu żvujtati mill-għasafar bejn kull lott ta' pollam imrobbi. L-istrutturi u l-armar għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati matul dan iż-żmien. Barra minn hekk, meta t-trobbija ta' kull lott ta' pollam tkun lesta, il-passaġġi għandhom jitħallew vojta għal perjodu li t-tul tiegħu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, biex terġa' tikber il-veġetazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw meta t-tjur ma jatkabbrux f'lottijiet, ma jinżammux f'passaġġi u huma liberi li jiġru fejn iridu matul il-jum.

###### *Emenda*

(g) il-gallinari għandhom jiġu żvujtati mill-għasafar bejn kull lott ta' pollam imrobbi. L-istrutturi u l-armar għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati matul dan iż-żmien. Barra minn hekk, meta t-trobbija ta' kull lott ta' pollam tkun lesta, il-passaġġi għandhom jitħallew vojta għal perjodu li t-tul tiegħu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, biex terġa' tikber il-veġetazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw meta t-tjur ma jatkabbrux f'lottijiet, ma jinżammux f'passaġġi u huma liberi li jiġru fejn iridu matul il-jum. ***Il-pollam jista' jinżamm fi spazji miftuħa li jkunu, minn tal-anqas 50 %, mġhottija b'ħaxix li jikber fuq bażi annwali jew perenni. Għandha tiġi permessa taħlita ta' siġar u spazji miftuħa.***

#### **Emenda 144**

##### **Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.4.5 – tabella 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

	Għasafar għat-tmissil/ġenituri	Ġidd ta' età żgħira		Għasafar għat-tismin		Ħasjien	Qrejjaq
Età	Għasafar li qegħdin irabbu	Tiġieġ li għadhom ma bdewx ibidu ta' 0-8 ġimgħat	Tiġieġ li għadhom ma bdewx ibidu ta' 9-18 ġimgħat	Ġwież żgħir 0-21 jum	Ġwież kbir 22 - 81 jum	22 -150 jum	Tiġieġ li jbidu minn 19-il ġimgħa
Ir-rata ta' stokkjar fil-gallinari (l-għadd ta' għasafar għal kull metru kwadru ta' erja utilizzata) għall-gallinari fissi u mobbli	6 għasafar	<b>24 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m</b>	<b>15 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m</b>	20 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m	10 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m	10 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m	6 għasafar
Spazju fuq il-passiġġiera (cm)							18
Limiti addizzjonali għal kull metru kwadru ta' erja tal-art f'sistemi b'għadd ta' sulari (jinkludi l-veranda jekk din tkun aċċessibbli lejl u nhar) 9 għasafar	9	36 għasafar mingħajr l-erja tal-veranda	22 għasafar	Mhux applikabbli normalment			9 għasafar
<b>Il-limiti tad-daqs tal-qatgħa</b>	3,000 inkluż l-irġiel	10 000*	3 300	10 000*	4 800	2 500	3 000
Ir-rati tal-istokkjar ta' spazji barra (m <sup>2</sup> /kull għasafar), sakemm ma jinqabiżx il-limitu ta' 170 kg ta'	4	1	4	1	4	4	4

N/ettaru/sen

a

\* redivizibbli biex jipproduċu 3x3000 jew 2x4800 lott

*Emenda*

	Għasafar għat-tmissil/ġenituri	Ġidd ta' età żgħira		Għasafar għat-tismin		Ħasjien	Qrejjaq
Età	Għasafar li qegħdin irabbu	Tiġieġ li għadhom ma bdewx ibidu ta' 0-8 ġimgħat	Tiġieġ li għadhom ma bdewx ibidu ta' 9-18 ġimgħat	Ġwież żgħir 0-21 jum	Ġwież kbir 22 - 81 jum	22 -150 jum	Tiġieġ li jbidu minn 19-il ġimgħa
Ir-rata ta' stokkjar fil-gallinari (l-għadd ta' għasafar għal kull metru kwadru ta' erja utilizzata) għall-gallinari fissi u mobbli	6 għasafar	<b>massimu ta' 14kg/piż ħaj/m<sup>2</sup></b>	<b>massimu ta' 14kg/piż ħaj/m<sup>2</sup></b>	20 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m	10 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m	10 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m	6 għasafar
Spazju fuq il-passiġġiera (cm)							18
Limiti addizzjonali għal kull metru kwadru ta' erja tal-art f'sistemi b'għadd ta' sulari (jinkludi l-veranda jekk din tkun aċċessibbli lejl u nhar)	9 għasafar	36 għasfur mingħajr l-erja tal-veranda	22 għasafar	Mhux applikabbli normalment			9 għasafar
<b>'Unità tal-produzzjoni'</b>	3,000 inkluż l-irġiel	10 000*	3 300	10 000*	4 800	2 500	3 000
Ir-rati tal-istokkjar ta' spazji barra (m <sup>2</sup> /kull għasfur), sakemm ma jinqabiżx il-	4	1	4	1	4	4	4

limitu ta'  
170 kg ta'  
N/ettaru/sen  
a

redivizibbli biex jipproduċu 3x3000 jew 2x4800 lott

### *Ġustifikazzjoni*

*Għandu jsir riferiment għall-"unità tal-produzzjoni", peress li dan iservi sabiex ikun evitat ir-riskju li unità tal-produzzjoni tiġi diviża f'aktar qatgħat li jippermettu trobbija industrijali li tidher mhux kompatibbli mal-prinċipji tat-trobbija tal-annimali b'metodi organiċi.*

### **Emenda 145**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Parti II – punt 2.4.6 – punt a**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

**(a)** it-tjur għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-miftuħ għal mill-inqas **terz minn** ħajjithom. B'mod partikolari, għandu jkollhom aċċess kontinwu matul il-ġurnata minn kemm jista' jkun kmieni f'ħajjithom, meta jippermettu l-kundizzjonijiet fiżjoloġiċi u fiżiċi, minbarra f'każ ta' restrizzjonijiet temporanji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

##### *Emenda*

**(a)** it-tjur għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-miftuħ, **inklużi l-mergħat u/jew l-imsaġar**, għal mill-inqas **nofs** ħajjithom. B'mod partikolari, għandu jkollhom aċċess kontinwu matul il-ġurnata minn kemm jista' jkun kmieni f'ħajjithom, meta jippermettu l-kundizzjonijiet fiżjoloġiċi u fiżiċi, minbarra f'każ ta' restrizzjonijiet temporanji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

### **Emenda 146**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Anness II – Parti II – punt 2.4.6 – punt b**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

**(b)** l-ispazji fil-miftuħ għall-pollam għandhom fil-parti l-kbira tagħhom ikunu mgħottija bil-ħxejjex ta' firxa kbira ta' pjanti **u** jkollhom faċilitajiet ta' kenn u jippermettu li l-pollam ikollu aċċess faċli għal għadd adegwat ta' ħwat minn fejn jistgħu jixorbu. Il-ħxejjex fl-ispazju ta' barra jridu jinħasdu u jitneħħew b'mod regolari biex jitnaqqas il-potenzjal li jinġemgħu eċċessi ta' nutrijenti. L-ispazji

##### *Emenda*

**(b)** l-ispazji fil-miftuħ għall-pollam għandhom fil-parti l-kbira tagħhom ikunu mgħottija bil-ħxejjex ta' firxa kbira ta' pjanti, **għandu** jkollhom faċilitajiet ta' kenn u **għandhom** jippermettu li l-pollam ikollu aċċess faċli għal għadd adegwat ta' ħwat minn fejn jistgħu jixorbu. **Il-faċilitajiet ta' protezzjoni wkoll għandhom jiġu pprovduti f'numru xieraq, biex b'hekk l-annimali jkunu jistgħu jsibu kenn u**

ta' barra ma għandhomx ikunu ikbar minn raġġ ta' 150 m mill-iktar toqba qrib fil-gallinar. Madankollu tkun permessa estensjoni sa massimu ta' 350 m mill-iktar toqba qrib fil-gallinar sakemm ikun hemm għadd biżżejjed ta' strutturi tal-kenn u h'wat tal-ilma mqassmin b'mod ugwali madwar l-ispazju kollu, b'mill-inqas erba' strutturi tal-kenn għal kull ettaru;

**jistaħbew.** Il-ħxejjex fl-ispazju ta' barra jridu jinħasdu u jitneħħew b'mod regolari biex jitnaqqas il-potenzjal li jinġemgħu eċċessi ta' nutrijenti. L-ispazji ta' barra ma għandhomx ikunu ikbar minn raġġ ta' 150 m mill-iktar toqba qrib fil-gallinar. Madankollu **għandha tkun** permessa estensjoni sa massimu ta' 350 m mill-iktar toqba qrib fil-gallinar sakemm ikun hemm għadd biżżejjed ta' strutturi tal-kenn u h'wat tal-ilma mqassmin b'mod ugwali madwar l-ispazju kollu, b'mill-inqas erba' strutturi tal-kenn għal kull ettaru;

## Emenda 147

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.4.7

*Test propost mill-Kummissjoni*

2.4.7. It-trattament xieraq tal-annimali  
**It-tnittif** tar-rix mill-għasafar meta dawn ikunu għadhom ħajjin huwa pprojbit.

*Emenda*

2.4.7. It-trattament xieraq tal-annimali  
**It-tmiġh sfurzat u t-tnittif** tar-rix mill-għasafar meta dawn ikunu għadhom ħajjin huma Prattiki pprojbiti.

## Emenda 148

### Proposta għal regolament Anness II – Parti II – punt 2.4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **2.4a. Il-produzzjoni tal-fniek**

**L-erbivori kollha, inklużi l-fniek, għandu jkollhom aċċess għall-mergħat, kull meta l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art jippermettu. Kull meta l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art ma jippermettux l-aċċess għall-mergħat, il-fniek għandu jkollhom aċċess permanenti għal żoni fil-miftuħ, h'lef meta jiġu imposti restrizzjonijiet u obbligi temporanji b'rabta mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-fniek għandu**

*jkollhom, f'kull waqt, spazju biżżejjed biex jilħqu t-tul sħiħ tagħhom meta jkunu bilwieqfa fuq saqajhom ta' wara, u jkunu jistgħu jġibu ruħhom b'mod naturali, bħal joqomsu u jaqbżu mingħajr ma jolqtu s-saqaf tal-kompartiment. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta regoli dettaljati f'konformità mal-Artikolu 11(2) dwar il-produzzjoni tal-fniek.*

#### **Emenda 149**

##### **Proposta għal regolament Anness II – Parti III – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Ir-regoli tal-produzzjoni għall-alka u l-annimali tal-akkwakultura

Ir-regoli tal-produzzjoni għall-alga u l-annimali tal-akkwakultura.

#### **Emenda 150**

##### **Proposta għal regolament Anness II – Parti III – punt 4.1.3.3 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ea) Astażantin li jkun ġej l-aktar minn sorsi organiċi, bħal mill-qxur tal-krustaċej organiċi, jista' jintuża fil-porzjon tal-għalf tas-salamun u tat-troti fil-limitu tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom. Jekk ma jkunux disponibbli s-sorsi organiċi, jistgħu jintużaw sorsi naturali tal-astazantin (bħall-ħmira tat-tip 'Phaffia').*

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jinqdew il-bżonnijiet fiżjoloġiċi l-aktar tal-annimali tal-akkwakultura karnivori, għandu jiġi permess astażantin derivat naturalment taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Ir-regolament eżistenti dwar dan il-qasam għandu jiġi integrat.*

## Emenda 151

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Parti III – punt 4.1.4.2 – punt d

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-użu tat-trattamenti allopatiċi huwa limitat għal żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, ħlief għat-tilqim u **għall-iskemi** obbligatorji ta' qerda. Madanakollu, **fil-każijiet** ta' ċiklu ta' produzzjoni ta' inqas minn sena, japplika limitu ta' trattament allopatiku wieħed. Jekk jinqabżu l-limiti msemmija għat-trattamenti allopatiċi, l-annimali tal-akkwakultura kkonċernati ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi;

##### *Emenda*

(d) l-użu tat-trattamenti allopatiċi huwa limitat għal żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, ħlief għat-tilqim, **it-trattamenti kontra l-parassiti u l-iskemi** obbligatorji ta' qerda. Madanakollu, **fil-każ** ta' ċiklu ta' produzzjoni ta' inqas minn sena, **għandu** japplika limitu ta' trattament allopatiku wieħed. Jekk jinqabżu l-limiti msemmija għat-trattamenti allopatiċi, l-annimali tal-akkwakultura kkonċernati ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi;

##### *Ġustifikazzjoni*

*Il-parassiti spiss huma trattati bi prodotti klassifikati bħala trattamenti allopatiċi. Għal din ir-raġuni, u sabiex tiġi żgurata l-koerenza mal-punt 4.1.4.2.(e), hija meħtieġa eżenzjoni fil-punt 4.1.4.2.(d).*

## Emenda 152

### Proposta għal regolament

#### Anness II – Part III – punt 4.1.5.-1 (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**4.1.5.-1. L-akkwakultura organika għandha tkun limitata għal speċijiet tajbin biex jinżammu fl-akkwakultura u li dwarhom jeżisti għarfien suffiċjenti sabiex jiġu definiti l-istandards tal-ispeċi u tiġi żgurata l-applikazzjoni tagħhom.**

**Fi kwalunkwe każ, għandhom jintużaw biss l-aktar speċijiet u razzes adatti. Il-biedja ta' speċijiet ta' ħut solitarji u predatorji, li għalihom ma jistgħux jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' solitudni u kaċċa fil-magħluq, għandha tiġi pprojbita.**

## Emenda 153

### Proposta għal regolament Anness II – Parti III – punt 4.1.6.1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.6.1. Il-persunal kollu li jieħu ħsieb l-annimali tal-akkwakultura għandu jkollu l-għarfien u l-kapaċitajiet ***bażiċi*** meħtieġa fir-rigward tas-saħħa u l-ħtiġijiet ta' trattament xieraq tal-annimali

#### *Emenda*

4.1.6.1. Il-persunal kollu li jieħu ħsieb l-annimali tal-akkwakultura għandu jkollu l-għarfien u l-kapaċitajiet meħtieġa fir-rigward tas-saħħa u l-ħtiġijiet ta' trattament xieraq tal-annimali.

## Emenda 154

### Proposta għal regolament Anness II – Parti III – punt 4.1.6.6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

**4.1.6.6.** It-trasportazzjoni tal-annimali tal-akkwakultura għandu b'mod attiv jinżamm għall-minimu kemm jista' jkun.

#### *Emenda*

4.1.6.6. It-trasportazzjoni tal-annimali tal-akkwakultura għandu b'mod attiv jinżamm għall-minimu kemm jista' jkun ***u għandu jiġi żgurat li t-tul ma jaqbiż is-sitt sigħat, b'xi eċċezzjonijiet meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet ġeografiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi, in-netwerks stradali skarsi, il-postijiet imbiegħda jew l-għażla ta' vjaġġ itwal ta' ċerti speċijiet ta' annimali kkonfermati permezz tar-riżultati tar-riċerka xjentifika, dment li jiġu osservati r-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali.***

## Emenda 155

### Proposta għal regolament Anness II – Parti III – punt 4.1.6.7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.6.7. Għandha ***tinżamm għall-minimu kull*** tbatija ***tul*** il-ħajja ***kollha*** tal-annimal, anki fil-ħin ***tal-qatla***.

#### *Emenda*

**4.1.6.7.** Għandha ***tiġi evitata kwalunkwe tbatija tul*** il-ħajja tal-annimal, anki fil-ħin ***tat-trasport u t-tbiċċir***.



## Emenda 156

### Proposta għal regolament Anness II – Parti III – punt 4.1.6.8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.1.6.8. It-tekniki tal-qatla għandhom jitilfu lill-ħut minn sensihom u jneħħulhom il-ħila li jħossu l-uġiġħ mill-ewwel. It-tqandil tal-annimali qabel il-qatla għandu jsir b'mod li jevita li jwegġgagħhom u kemm jista' jkun ma jikkawżalhomx stress u tbatija. Għandhom jitqiesu d-differenzi fid-daqs tal-qbid, fl-ispeċijiet, u fis-siti tal-produzzjoni meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-aqwa metodi għall-qatla.

#### *Emenda*

4.1.6.8. It-tekniki tal-qatla għandhom jitilfu lill-ħut minn sensihom u jneħħulhom il-ħila li jħossu l-uġiġħ mill-ewwel. It-tqandil tal-annimali qabel il-qatla għandu jsir b'mod li jevita li jwegġgagħhom u kemm jista' jkun ma jikkawżalhomx stress u tbatija. Għandhom jitqiesu d-differenzi fid-daqs tal-qbid, fl-ispeċijiet, u fis-siti tal-produzzjoni meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-aqwa metodi għall-qatla. ***It-tbiċċir tal-ħut permezz tal-iżvinar u l-esponiment għad-dijossidu tal-karbonju għandu jkun ipprojbit. Il-krustaċji għandhom jinqatlu biss permezz ta' metodi li jużaw tagħmir elettriku ta' stordament/qtil.***

## Emenda 157

### Proposta għal regolament Anness II – Parti III – punt 4.1.6.8 a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***4.1.6.8a. Il-bejgħ ta' ħut organiku ħaj għandu jkun ipprojbit.***

## Emenda 158

### Proposta għal regolament Anness II – Parti IV – punt 2.2.4 – punt b – punt iii – inċiż 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

– l-alki, fosthom l-alka tal-baħar;

– l-alki, fosthom l-alka tal-baħar ***u l-Litotamn;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-kontenut għoli tal-kalċju tagħha, l-alka Litotamn hija diġà użata fi Franza u l-*

*Islanda fil-produzzjoni ta' xorb tal-ħalib organiku abbażi tal-pjanti, mingħajr mhuma neċessarji additivi oħrajn. Dan għandu jkun possibbli wkoll fil-livell tal-UE.*

## PROCĊURA

<b>Titolu</b>	Il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, emenda tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u revoka tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007
<b>Referenzi</b>	COM(2014)0180 – C7-0109/2014 – 2014/0100(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 2.4.2014
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 2.4.2014
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Sirpa Pietikäinen 5.9.2014
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.2.2015
<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.5.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 43 -: 16 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Margrete Auken, Pilar Ayuso, Zoltán Balczó, Catherine Bearder, Ivo Belet, Biljana Borzan, Lynn Boylan, Nessa Childers, Birgit Collin-Langen, Mireille D'Ornano, Miriam Dalli, Angélique Delahaye, Jørn Dohrmann, Ian Duncan, Stefan Eck, Bas Eickhout, Eleonora Evi, José Inácio Faria, Karl-Heinz Florenz, Francesc Gambús, Iratxe García Pérez, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Jens Gieseke, Sylvie Goddyn, Françoise Grossetête, Andrzej Grzyb, Jytte Guteland, György Hölvényi, Anneli Jäätteenmäki, Jean-François Jalkh, Josu Juaristi Abaunz, Karin Kadenbach, Kateřina Konečná, Giovanni La Via, Peter Liese, Norbert Lins, Susanne Melior, Miroslav Mikolášik, Massimo Paolucci, Gilles Pargneaux, Piernicola Pedicini, Pavel Poc, Marcus Pretzell, Michèle Rivasi, Daciana Octavia Sârbu, Annie Schreijer-Pierik, Davor Škrlec, Dubravka Šuica, Tibor Szanyi, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Damiano Zoffoli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Renata Briano, Nicola Caputo, Mark Demesmaeker, Esther Herranz García, Jan Huitema, Merja Kyllönen, James Nicholson, Aldo Patriciello, Sirpa Pietikäinen, Gabriele Preuß, Bart Staes
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Arne Gericke